**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru 28**
**It-Tlieta, 4 ta' Ottubru, 2022 fl-4:00 p.m.**

**TRIBUNAL INDUSTRIJALI - TILWIM**

**657. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' tilwim li nstemgħu fit-Tribunal Industrijali bejn l-2017 u l-2022 u kemm damu biex jinqatgħu? Jista' jagħti l-medja ta' żmien biex każ jiġi finalizzat fit-Tribunal Industrijali?

20/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 28
04/10/2022

**TNEĦĦIJA TA' IRMIĠĠI TAT-TEMP**

**658. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-permessi tal-irmiġġi tat-temp reġgħux ġew integrati fl-oqsma kollha? Jekk le, liema tneħħew? Jista' jispjega għaliex tneħħa l-permess għall-irmiġġi tat-temp, jekk jeżistu każijiet bħal dawn? Jista' jgħid għal kemm żmien u jekk xi darba hux se jerġgħu jiddaħħlu jekk il-każ hu li tneħħew?

20/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Jista' l-Onor. Interpellant jispeċifika liema tip ta' rmiġġi qiegħed jirreferi għalihom?

Seduta 28
04/10/2022

**TELGĦAT IX-XEMXIJA - XOGĦLIJIET**

**659. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq Telgħat ix-Xemxija għandhiex tingħalaq għax-xogħlijiet u kemm se jdumu x-xogħlijiet stmati? Jekk iridu jsiru xi xogħlijiet, Infrastructure Malta se tipprovdi rotta alternattiva?

20/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Infrastructure Malta ma tistax tibda tibni mill-ġdid it-triq indikata qabel entitajiet oħrajn konċernati jwettqu xogħlijiet separati li jeħtieġu jagħmlu sabiex isaħħu s-sistemi tad-distribuzzjoni tas-servizzi tagħhom taħt l-istess triq. Għalhekk, din il-mistoqsija għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru konċernat.

Seduta 28
04/10/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR SAL-MELLIEĦA - TOROQ ALTERNATTIVI**

**660. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Infrastructure Malta għandhiex pjanijiet għal rotta alternattiva minn San Pawl il-Baħar sal-Mellieħa, dan għaliex minbarra Telgħat ix-Xemxija, kemm il-Manikata u l-Imbordin mhumiex mibnija għall-influss tat-traffiku li jeżisti bejn San Pawl il-Baħar u l-Mellieħa?

20/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jindirizza din il-mistoqsija lill-Ministeru responsabbli mit-tfassil u l-aġġornament tal-pjanijiet lokali.

Seduta 28
04/10/2022

**IX-XEMXIJA - DAWRET IN-NAWFRAĠJU - PROĠETT**

**661. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux ippjanat proġett ta' tisbiħ f'Dawret in-Nawfraġju Xemxija? Jekk hu l-każ, jista' l-Ministru jara li t-taraġ perikoluż mit-triq sax-xatt jinbidel, kif ukoll il-bankina li hija perikoluża ħafna?

20/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li nbeda l-proċess li għandu jwassal għal pjan ta' riġenerazzjoni ħolistiku li ser janalizza d-diversi ħtiġijiet taż-żona ta' Buġibba, San Pawl il-Baħar u l-Qawra, inkluż proġetti infrastrutturali.

Seduta 28
04/10/2022

**ĦADDIEMA - UŻU TA' TIME OFF IN LIEU**

**662. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonferma li l-ħaddiema (minbarra l-infermiera u l-qwiebel) kienu mitluba jinfurmaw lid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani x'Time Off In Lieu kellhom (TOIL)? Jista' jgħid ukoll jekk dawn il-ħaddiema ġewx mitluba biex jieħdu dan it-TOIL qabel tmiem is-sena? Jista' jikkonferma jekk kinitx prattika normali li l-impjegati tas-settur tas-saħħa jingħataw il-benefiċċju li jieħdu t-TOIL qabel? Jista' jgħid ukoll kemm għandhom jittieħdu sigħat ta' TOIL minn dan l-istaff u bejn kemm ħaddiema u jekk dan hux ser jolqot il-complement tal-istaff li diġà qed jiddeterjora?

20/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, fejn mhux provdut mod ieħor permezz ta' ftehim settorali, it-tħaddim u l-ġestjoni tat-time-off-in-lieu fis-Servizz Pubbliku huwa regolat mill-Public Service Management Code, paragrafu 2.2.7.1.

Seduta 28
04/10/2022

**ĦAL QORMI – ĊENTRU TAS-SAĦĦA**

**1038. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se jsir rinnovar b'mod ħolistiku fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi?

26/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi x-xogħol ta' manutenzjoni ġenerali u mmodernizzar li għandu jwassal għal rinnovar b'mod ħolistiku taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi ilu li beda xahrejn u qieħhed fi stadju avvanzat.

Seduta 28
04/10/2022

**ĦAL QORMI – ŻONA TA' MADWAR TRIQ FONZU MELI, TRIQ G.M. CAMILLERI U TRIQ DUN ALWIĠ PSAILA - TINDIF**

**1039. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jassigura li jingħataw ir-riżorsi kollha li hemm bżonn biex iż-żona ta' madwar Triq Fonzu Meli, Triq G.M. Camilleri u Triq Dun Alwig Psaila, f'Ħal Qormi, tinżamm nadifa?

26/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, illi l-istess Kunsill jieħu ħsieb li jsir knis u tindif b'mod regolari fit-toroq imsemmija. Infurmat ukoll li dawn it-toroq jinkinsu darbtejn fil-ġimgħa.

Seduta 28
04/10/2022

**MFSA – ADMINISTRATIVE PENALTIES**

**1040. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm administrative penalties maħruġa mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) matul is-sena 2021? Jista' jgħid kemm minnhom (numru u total tal-ammonti rispettivi) kienu riżultat ta' irregolaritajiet li nstabu waqt onsite inspections?

26/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-numru ta' penalitajiet amministrattivi fl-2021 imponuti mill-MFSA jammontaw għal total ta' 55. Dawn jistgħu jkunu kemm riżultat ta' irregolaritajiet li nstabu waqt "onsite inspections" kif ukoll, permezz ta' "offsite supervisory work" ieħor imwettaq mill-MFSA rigward l-entitajiet liċenzjati/awtorizzati minnha. Barra minn hekk, l-Awtorità timponi wkoll azzjonijiet f'każijiet ta' twettiq ta' attività mingħajr il-liċenzja/awtorizzazzjoni neċessarja.

Seduta 28
04/10/2022

**MALTA DEVELOPMENT BANK - KUMPANIJI LI BBENEFIKAW**

**1161. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm kumpaniji li bbenefikaw mill-Malta Development Bank? Jista' jgħid f'liema qasam ekonomiku joperaw?

31/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 28
04/10/2022

**OPERAZZJONIJIET TAL-KATARRETTI - WAITING LISTS**

**1163. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm individwi fuq il-waiting list għall-operazzjoni tal-katarretti?

31/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ara t-tweġiba fuq wara.

Seduta 28
04/10/2022

**WAITING LIST GĦAL MRI**

**1164. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm individwi fuq il-waiting list biex jagħmlu MRI?

31/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ara t-tweġiba fuq wara.

Seduta 28
04/10/2022

**IMQABBA – TOROQ – XOGĦOL MINN INFRASTRUTTURA MALTA**

**1245. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid liema toroq ser isir ix-xogħol fuqhom fil-lokalità tal-Imqabba minn Infrastruttura Malta, separatament, hekk kif ġej minn Ġunju 2022 sa Ġunju 2023:
(a) toroq li ser jinbnew mill-ġdid għax qatt ma sar xogħol fihom;
(b) toroq li ser jinbnew mill-ġdid għax għalkemm kellhom diġà wiċċ, jinsabu f'sitwazzjoni ħażina; u
(ċ) toroq li ser isirilhom wiċċ ġdid biss?

(a) arterjali;
(b) distributorji;
(ċ) maġġuri;
(d) residenzjali; jew
(e) toroq li qatt ma sarilhom wiċċ?

Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra pjanta ta' kull triq li ser issir li tindika minn fejn sa fejn ser isir ix-xogħol kif ukoll jindika jekk hux ser isiru servizzi bħal drenaġġ, mains tal-ilma, cables tad-dawl eċċ., jew jekk hux ser jinbidlu f'każ li dawn diġà jeżistu? Jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser isiru service ducts f'dawn it-toroq u għalhekk jekk servizz li bħalissa huwa għaddej mal-faċċata tad-djar tar-residenti humiex ser jiġu trasferiti f'dawn is-service ducts? Jista' l-Ministru għid jekk hux ser isiru water culverts f'dawn it-toroq? Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibda u jispiċċa x-xogħol fuq kull triq u kemm ġejja tiswa kull triq? Kif ser tiġi ffinanzjata kull triq, minn fondi lokali jew minn fondi tal-Unjoni Ewropea?

01/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed twettaq ħafna proġetti biex ittejjeb is-sigurezza u s-sostenibilità tas-sistema tat-toroq ewlenin, toħloq infrastruttura ta' kwalità u ambjent aħjar fit-toroq residenzjali f'kull lokalità u tibni mill-ġdid ukoll ħafna toroq sekondarji oħra, fosthom kilometri ta' toroq rurali fil-kampanja. Dan l-investiment qed iħalli l-frott mixtieq, b'diversi toroq residenzjali diġà mibnijin mill-ġdid u b'ħafna proġetti ta' titjib fit-toroq ewlenin tas-sistema tat-trasport bl-art f'pajjiżna.

Infrastructure Malta qiegħda tikkollabora mal-entitajiet rispettivi biex qabel ma jsir il-wiċċ tat-triq jiġu mtejbin jew mibdulin, skont ma jkun meħtieġ, is-sistemi tad-distribuzzjoni tas-servizzi li hemm għaddejjin minn taħt l-art, bħal pajpijiet tal-ilma, katusi tad-drenaġġ, spralli u pajpijiet għall-ilma tax-xita, cables tal-elettriku u pajpijiet għall-cables tal-Internet u servizzi oħrajn tat-telekomunikazzjoni.

Fil-lokalità tal-Imqabba, l-aġenzija diġà bniet mill-ġdid u għamlet titjib fi triq ġdida fi Triq Innoċenzju, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq is-Serrer, Triq George Martin, Triq il-Famija Brancati, Triq il-Belt Valletta, Sqaq Nru 5 Triq il-Parroċċa, Triq tal-Isqof, Sqaq biswit iċ-Ċimiterju, Sqaq Nru 2 Triq Valletta, Triq is-Sejba u Sqaq fiha, u Triq iż-Żurrieq.

Din il-lokalità ser tibbenefika mill-ikbar żewġ proġetti li Infrastructure Malta qed taħdem fuqhom din is-sena fit-toroq arterjali, il-Kirkop Tunnels and Airport Intersection Project (KTAIP) u Luqa Junction Project li ser itejbu l-junctions prinċipali ta' Ħal Luqa u l-Gudja fir-rotta ewlenija lejn l-Ajruport. Iż-żewġ proġetti ser itejbu l-ħin tal-ivvjaġġar u jnaqqsu t-tniġġis tat-traffiku fl-inħawi tal-madwar. Fl-Imqabba bħalissa qed issir Triq ir-Robba, waqt li fiż-żmien li ġej se jinbdew xogħlijiet fi Triq ix-Xagħri Mqalleb u Triq Wied iz-Ziju.

Seduta 28
04/10/2022

**ĦAL SAFI – TOROQ – XOGĦOL MINN INFRASTRUTTURA MALTA**

**1246. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid liema toroq ser isir ix-xogħol fuqhom fil-lokalità ta' Ħal Safi minn Infrastruttura Malta, separatament, hekk kif ġej minn Ġunju 2022 sa Ġunju 2023:
(a) toroq li ser jinbnew mill-ġdid għax qatt ma sar xogħol fihom;
(b) toroq li ser jinbnew mill-ġdid għax għalkemm kellhom diġà wiċċ, jinsabu f'sitwazzjoni ħażina; u
(ċ) toroq li ser isirilhom wiċċ ġdid biss?

Jista' l-Ministru jagħti, għal kull lista hawn fuq imsemmija, jekk dawn humiex toroq:
(a) arterjali;
(b) distributorji;
(ċ) maġġuri;
(d) residenzjali; jew
(e) toroq li qatt ma sarilhom wiċċ?

Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra pjanta ta' kull triq li ser issir li tindika minn fejn sa fejn ser isir ix-xogħol kif ukoll jindika jekk hux ser isiru servizzi bħal drenaġġ, mains tal-ilma, cables tad-dawl eċċ., jew jekk hux ser jinbidlu f'każ li dawn diġà jeżistu? Jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser isiru service ducts f'dawn it-toroq u għalhekk jekk servizz li bħalissa huwa għaddej mal-faċċata tad-djar tar-residenti humiex ser jiġu trasferiti f'dawn is-service ducts? Jista' l-Ministru għid jekk hux ser isiru water culverts f'dawn it-toroq? Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibda u jispiċċa x-xogħol fuq kull triq u kemm ġejja tiswa kull triq? Kif ser tiġi ffinanzjata kull triq, minn fondi lokali jew minn fondi tal-Unjoni Ewropea?

01/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed twettaq ħafna proġetti biex ittejjeb is-sigurezza u s-sostenibilità tas-sistema tat-toroq ewlenin, toħloq infrastruttura ta' kwalità u ambjent aħjar fit-toroq residenzjali f'kull lokalità u tibni mill-ġdid ukoll ħafna toroq sekondarji oħra, fosthom kilometri ta' toroq rurali fil-kampanja. Dan l-investiment qed iħalli l-frott mixtieq, b'diversi toroq residenzjali diġà mibnijin mill-ġdid u b'ħafna proġetti ta' titjib fit-toroq ewlenin tas-sistema tat-trasport bl-art f'pajjiżna.

Infrastructure Malta qiegħda tikkollabora mal-entitajiet rispettivi biex qabel ma jsir il-wiċċ tat-triq jiġu mtejbin jew mibdulin, skont ma jkun meħtieġ, is-sistemi tad-distribuzzjoni tas-servizzi li hemm għaddejjin minn taħt l-art, bħal pajpijiet tal-ilma, katusi tad-drenaġġ, spralli u pajpijiet għall-ilma tax-xita, cables tal-elettriku u pajpijiet għall-cables tal-Internet u servizzi oħrajn tat-telekomunikazzjoni.

Fil-lokalità ta' Ħal Safi, l-aġenzija diġà bniet mill-ġdid u għamlet titjib fi Triq San Ġwann, Triq it-Tellerit, Triq San Pawl, Triq il-Puniċi u Triq il-Kuċċard.

Din il-lokalità ser tibbenefika mill-ikbar żewġ proġetti li Infrastructure Malta qed taħdem fuqhom din is-sena fit-toroq arterjali, il-Kirkop Tunnels and Airport Intersection Project (KTAIP) u Luqa Junction Project li ser itejbu l-junctions prinċipali ta' Ħal Luqa u l-Gudja fir-rotta ewlenija lejn l-Ajruport. Iż-żewġ proġetti ser itejbu l-ħin tal-ivvjaġġar u jnaqqsu t-tniġġis tat-traffiku fl-inħawi tal-madwar. F'Ħal Safi fiż-żmien li ġej se jinbdew ukoll xogħljiet fi Triq iż-Żurrieq u Triq l-Iskola.

Seduta 28
04/10/2022

**QRENDI – TOROQ – XOGĦOL MINN INFRASTRUTTURA MALTA**

**1247. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid liema toroq ser isir ix-xogħol fuqhom fil-lokalità tal-Qrendi minn Infrastruttura Malta, separatament, hekk kif ġej minn Ġunju 2022 sa Ġunju 2023:
(a) toroq li ser jinbnew mill-ġdid għax qatt ma sar xogħol fihom;
(b) toroq li ser jinbnew mill-ġdid għax għalkemm kellhom diġà wiċċ, jinsabu f'sitwazzjoni ħażina; u
(ċ) toroq li ser isirilhom wiċċ ġdid biss?

Jista' l-Ministru jagħti, għal kull lista hawn fuq imsemmija, jekk dawn humiex toroq:

(a) arterjali;
(b) distributorji;
(ċ) maġġuri;
(d) residenzjali; jew
(e) toroq li qatt ma sarilhom wiċċ?

Jista’ jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra pjanta ta' kull triq li ser issir li tindika minn fejn sa fejn ser isir ix-xogħol kif ukoll jindika jekk hux ser isiru servizzi bħal drenaġġ, mains tal-ilma, cables tad-dawl eċċ., jew jekk hux ser jinbidlu f'każ li dawn diġà jeżistu? Jista’ l-Ministru jgħid jekk hux ser isiru service ducts f'dawn it-toroq u għalhekk jekk servizz li bħalissa huwa għaddej mal-faċċata tad-djar tar-residenti humiex ser jiġu trasferiti f'dawn is-service ducts? Jista’ l-Ministru għid jekk hux ser isiru water culverts f'dawn it-toroq? Jista’ l-Ministru jgħid meta ser jibda u jispiċċa x-xogħol fuq kull triq u kemm ġejja tiswa kull triq? Kif ser tiġi ffinanzjata kull triq, minn fondi lokali jew minn fondi tal-Unjoni Ewropea?

01/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed twettaq ħafna proġetti biex ittejjeb is-sigurezza u s-sostenibilità tas-sistema tat-toroq ewlenin, toħloq infrastruttura ta’ kwalità u ambjent aħjar fit-toroq residenzjali f’kull lokalità u tibni mill-ġdid ukoll ħafna toroq sekondarji oħra, fosthom kilometri ta’ toroq rurali fil-kampanja. Dan l-investiment qed iħalli l-frott mixtieq, b’diversi toroq residenzjali diġà mibnijin mill-ġdid u b’ħafna proġetti ta’ titjib fit-toroq ewlenin tas-sistema tat-trasport bl-art f’pajjiżna.

Infrastructure Malta qiegħda tikkollabora mal-entitajiet rispettivi biex qabel ma jsir il-wiċċ tat-triq jiġu mtejbin jew mibdulin, skont ma jkun meħtieġ, is-sistemi tad-distribuzzjoni tas-servizzi li hemm għaddejjin minn taħt l-art, bħal pajpijiet tal-ilma, katusi tad-drenaġġ, spralli u pajpijiet għall-ilma tax-xita, cables tal-elettriku u pajpijiet għall-cables tal-Internet u servizzi oħrajn tat-telekomunikazzjoni.

Fil-lokalità tal-Qrendi, l-aġenzija diġà bniet mill-ġdid u għamlet titjib fi Sqaq tal-Lhudija, Sqaq il-Mejda, Triq Sant’Anna, Triq Ta’ Muddejn, Triq is-Siġġiewi, triq bla isem kantunier ma’ Triq Ħaġar Qim, Sqaq il-Ħofra u Triq Ħal-Lew.

Din il-lokalità ser tibbenefika mill-ikbar żewġ proġetti li Infrastructure Malta qed taħdem fuqhom din is-sena fit-toroq arterjali, il-Kirkop Tunnels and Airport Intersection Project (KTAIP) u Luqa Junction Project li ser itejbu l-junctions prinċipali ta’ Ħal Luqa u l-Gudja fir-rotta ewlenija lejn l-Ajruport. Iż-żewġ proġetti ser itejbu l-ħin tal-ivvjaġġar u jnaqqsu t-tniġġis tat-traffiku fl-inħawi tal-madwar. Fil-Qrendi fiż-żmien li ġej ser jinbdew ukoll xogħlijiet fi Triq Tabib Gregorio Mifsud, Triq il-Gwielel, triq maġenb Triq Wied iż-Żurrieq u Sqaq Mudurbu.

Seduta 28
04/10/2022

## BIRŻEBBUĠA – TOROQ – XOGĦOL MINN INFRASTRUTTURA MALTA

**1248. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista’ l-Ministru jgħid liema toroq ser isir ix-xogħol fuqhom fil-lokalità ta’ Birżebbuġa minn Infrastruttura Malta, separatament, hekk kif ġej minn Ġunju 2022 sa Ġunju 2023:
(a) toroq li ser jinbnew mill-ġdid għax qatt ma sar xogħol fihom;
(b) toroq li ser jinbnew mill-ġdid għax għalkemm kellhom diġà wiċċ, jinsabu f'sitwazzjoni ħażina; u
(ċ) toroq li ser isirilhom wiċċ ġdid biss?

Jista’ l-Ministru jagħti, għal kull lista hawn fuq imsemmija, jekk dawn humiex toroq:
(a) arterjali;
(b) distributorji;
(ċ) maġġuri;
(d) residenzjali; jew
(e) toroq li qatt ma sarilhom wiċċ?

Jista’ jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra pjanta ta' kull triq li ser issir li tindika minn fejn sa fejn ser isir ix-xogħol kif ukoll jindika jekk hux ser isiru servizzi bħal drenaġġ, mains tal-ilma, cables tad-dawl eċċ., jew jekk hux ser jinbidlu f'każ li dawn diġà jeżistu? Jista’ l-Ministru jgħid jekk hux ser isiru service ducts f'dawn it-toroq u għalhekk

jekk servizz li bħalissa huwa għaddej mal-faċċata tad-djar tar-residenti humiex ser jiġu trasferiti f'dawn is-service ducts? Jista' l-Ministru għid jekk hux ser isiru water culverts f'dawn it-toroq? Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibda u jispiċċa x-xogħol fuq kull triq u kemm ġejja tiswa kull triq? Kif ser tiġi ffinanzjata kull triq, minn fondi lokali jew minn fondi tal-Unjoni Ewropea?

01/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed twettaq ħafna proġetti biex ittejjeb is-sigurezza u s-sostenibilità tas-sistema tat-toroq ewlenin, toħloq infrastruttura ta' kwalità u ambjent aħjar fit-toroq residenzjali f'kull lokalità u tibni mill-ġdid ukoll ħafna toroq sekondarji oħra, fosthom kilometri ta' toroq rurali fil-kampanja. Dan l-investiment qed iħalli l-frott mixtieq, b'diversi toroq residenzjali diġà mibnijin mill-ġdid u b'ħafna proġetti ta' titjib fit-toroq ewlenin tas-sistema tat-trasport bl-art f'pajjiżna.
Infrastructure Malta qiegħda tikkollabora mal-entitajiet rispettivi biex qabel ma jsir il-wiċċ tat-triq jiġu mtejbin jew mibdulin, skont ma jkun meħtieġ, is-sistemi tad-distribuzzjoni tas-servizzi li hemm għaddejjin minn taħt l-art, bħal pajpijiet tal-ilma, katusi tad-drenaġġ, spralli u pajpijiet għall-ilma tax-xita, cables tal-elettriku u pajpijiet għall-cables tal-Internet u servizzi oħrajn tat-telekomunikazzjoni.
Fil-lokalità ta' Birżebbuġa, l-aġenzija diġà bniet mill-ġdid u għamlet titjib fi Triq il-Brolli, Triq Żaren Dalli, Triq tal-Ġebel, Triq tal-Papa, Triq it-Tankijiet, Triq il-Bżulija, Triq il-Mużbieħ, Sqaq il-Girgħien, Triq Ferdinand Stufflesser, Triq San Patrizju, Triq ta' Giligejla, Triq Mons Penza, triq ġdida fi Triq il-Qroll, Triq 22 ta' Frar, Triq ta' Wied Qoton, Triq il-Qalb Mqaddsa, Triq il-Foritzza ta' Karagg, Sqaq fi Triq Immakulata Kunċizzjoni, triq bla isem fil-limiti ta' Wied il-Qoton, Sqaq il-Fortizza, Triq ix-Xerriek, Sqaq fi Triq Ħal Far u Triq il-Fortizza.
Din il-lokalità ser tibbenefika mill-ikbar żewġ proġetti li Infrastructure Malta qed taħdem fuqhom din is-sena fit-toroq arterjali, il-Kirkop Tunnels and Airport Intersection Project (KTAIP) u Luqa Junction Project li ser itejbu l-junctions prinċipali ta' Ħal Luqa u l-Gudja fir-rotta ewlenija lejn l-Ajruport. Iż-żewġ proġetti ser itejbu l-ħin tal-ivvjaġġar u jnaqqsu t-tniġġis tat-traffiku fl-inħawi tal-madwar. F'Birżebbuġa bħalissa qed isiru Triq l-Imnarja, Triq Feliċjan, Triq San Ġorġ, Triq San Pietru, Triq Birżebbuġa, Sqaq ta' Salvun u Triq Għar Ħasan, waqt li fiż-żmien li ġej se jinbdew xogħljiet fi Triq Għar Dalam, Triq il-Port Ħieles u Triq il-Madonna ta' Lourdes.

Seduta 28
04/10/2022

**ĦAL LUQA – TOROQ – XOGĦOL MINN INFRASTRUTTURA MALTA**

**1249. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid liema toroq ser isir ix-xogħol fuqhom fil-lokalità ta' Ħal Luqa u l-hamlet ta' Ħal Farruġ minn Infrastruttura Malta, separatament, hekk kif ġej minn Ġunju 2022 sa Ġunju 2023:
(a) dawk li ser jinbnew mill-ġdid għax qatt ma sar xogħol fihom;
(b) dawk li ser jinbnew mill-ġdid għax għalkemm kellhom diġà wiċċ, jinsabu f'sitwazzjoni ħażina; u
(ċ) dawk li ser isirilhom wiċċ ġdid biss?

Jista' l-Ministru jagħti, għal kull lista hawn fuq imsemmija, jekk dawn humiex toroq:
(a) arterjali;
(b) distributorji;
(ċ) maġġuri;
(d) residenzjali; jew
(e) toroq li qatt ma sarilhom wiċċ?

Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra pjanta ta' kull triq li ser issir li tindika minn fejn sa fejn ser isir ix-xogħol kif ukoll jindika jekk hux ser isiru servizzi bħal drenaġġ, mains tal-ilma, cables tad-dawl eċċ., jew jekk hux ser jinbidlu f'każ li dawn diġà jeżistu? Jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser isiru service ducts f'dawn it-toroq u għalhekk jekk servizz li bħalissa huwa għaddej mal-faċċata tad-djar tar-residenti humiex ser jiġu trasferiti f'dawn is-service ducts? Jista' l-Ministru għid jekk hux ser isiru water culverts f'dawn it-toroq? Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibda u jispiċċa x-xogħol fuq kull triq u kemm ġejja tiswa kull triq? Kif ser tiġi ffinanzjata kull triq, minn fondi lokali jew minn fondi tal-Unjoni Ewropea?

01/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed twettaq ħafna proġetti biex ittejjeb is-sigurezza u s-sostenibilità tas-sistema tat-toroq ewlenin, toħloq infrastruttura ta' kwalità u

ambjent aħjar fit-toroq residenzjali f'kull lokalità u tibni mill-ġdid ukoll ħafna toroq sekondarji oħra, fosthom kilometri ta' toroq rurali fil-kampanja. Dan l-investiment qed iħalli l-frott mixtieq, b'diversi toroq residenzjali diġà mibnijin mill-ġdid u b'ħafna proġetti ta' titjib fit-toroq ewlenin tas-sistema tat-trasport bl-art f'pajjiżna.
Infrastructure Malta qiegħda tikkollabora mal-entitajiet rispettivi biex qabel ma jsir il-wiċċ tat-triq jiġu mtejbin jew mibdulin, skont ma jkun meħtieġ, is-sistemi tad-distribuzzjoni tas-servizzi li hemm għaddejjin minn taħt l-art, bħal pajpijiet tal-ilma, katusi tad-drenaġġ, spralli u pajpijiet għall-ilma tax-xita, cables tal-elettriku u pajpijiet għall-cables tal-Internet u servizzi oħrajn tat-telekomunikazzjoni.
Fil-lokalità ta' Ħal Luqa, l-aġenzija diġà bniet mill-ġdid u għamlet titjib fi Triq Valletta, Triq in-Noqor, Triq Dun Gulio Muscat, Triq id-Disgħa t'April, Triq Ġorġ Zahra, Triq Indri Micallef, Triq Wiġi Briffa, Triq l-Iskola, Triq il-Ġdida, Triq Dun Pawl, triq bla isem fi Triq Garibaldi, triq bla isem fi Ħal Luqa, triq bla isem ħdejn Triq Ħal Farruġ, Triq Ħal Qormi u Triq San Tumas, ir-rotta ewlenija bejn Ħal Qormi u Ħal Luqa.
Din il-lokalità ser tibbenefika mill-ikbar żewġ proġetti li Infrastructure Malta qed taħdem fuqhom din is-sena fit-toroq arterjali, il-Kirkop Tunnels and Airport Intersection Project (KTAIP) u Luqa Junction Project li ser itejbu l-junctions prinċipali ta' Ħal Luqa u l-Gudja fir-rotta ewlenija lejn l-Ajruport. Iż-żewġ proġetti ser itejbu l-ħin tal-ivvjaġġar u jnaqqsu t-tniġġis tat-traffiku fl-inħawi tal-madwar. F'Ħal Luqa fiż-żmien li ġej se jinbdew xogħljiet fi Triq Sant'Andrija.

Seduta 28
04/10/2022

**IMQABBA – XOGĦOL TA' EMBELLISHMENT**

**1250. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta ġie inawgurat ix-xogħol ta' embellishment fuq il-Pjazza tal-Imqabba? Kemm ġie jiswa fit-totalità tiegħu dan ix-xogħol ta' embellishment u fiex kienet tikkonsisti l-ispiża, item item (pereżempju xogħol ta' madum, service duct eċċ.) għal dan ix-xogħol? Kemm-il darba saru xogħlijiet ta' riparazzjoni fuq din il-pjazza mid-data tal-inawgurazzjoni? Fiex kienu jikkonsistu dawn ix-xogħlijiet riparatorji? Il-kuntrattur li esegwixxa dan ix-xogħol ġie marbut b'xi 'performance guarantee', u jekk fl-affermattiv għal kemm perjodu ta' żmien? Għal kemm tammonta din il-'performance guarantee'?

01/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett ta' tisbiħ fil-Pjazza tal-Imqabba ġie inwgurat f'Ġunju 2021. Il-proġett ġie jiswa €1,704,526.15 (VAT eskluż) u l-items ewlenin tal-ispiża (VAT eskluż) huma dawk li jidhru hawn taħt:

- Culverts għall-ilma tax-xita – €243,988.78
- Katusi għas-servizzi tal-ilma –€ 28,834.83
- Tħammil – €105, 511.04
- Xogħol ta' pavimentar – €622, 302.45
- Bini ta' bankini, passaġġi u żoni bil-pavimentar – €113, 166.25
- Sinjali tat-traffiku u marki fit-triq – €11,976.41
- Xogħlijiet tal-elettriku biex cables jitniżżlu ġo culverts taħt l-art – €269,463.50
- Kwantitajiet addizzjonali bbażati fuq ir-rati tal-kuntratt – €152,720.36
- Provvista ta' pavimentar biex jintuża mid-Dipartiment għall-manutenzjoni – €60,041.88

Ix-xogħlijiet ta' riparazzjoni f'din il-pjazza saru kull meta nqalgħet il-ħtieġa li jsiru interventi bħal dawn.

Ix-xogħlijiet ta' riparazzjoni li saru kienu jikkonsistu f'dan li ġej:

- Irranġar ta' pavimentar tal-lava f'każi fejn iċċaqlaq xi pavimentar
- Grouting tal-fili tal-pavimentar tal-lava fejn kien meħtieġ
- Tiswija ta' spralli tal-ilma tax-xita kif kien meħtieġ

Il-kuntrattur kien marbut b'Performance Guarantee għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet. Din il-Performance Guarantee ġiet rilaxxata meta l-perit tal-proġett iċċertifika x-xogħol bħala komplut.
Din il-Peformance Guarantee tammonta għal Eur178,222.67.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – SEGRETARJAT PRIVAT – KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1746. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom il-persuni li jiffurmaw is-segretarjat privat tiegħu, mill-Head of Secretariat 'l isfel, skont l-official designation li għandhom?

20/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuni li jiffurmaw is-Segretarjat privat tiegħi u tas-Segretarju Parlamentari huma ingaġġati skont il-Manwal, li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – SEGRETARJAT PRIVAT – KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1747. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom il-persuni li jiffurmaw is-segretarjat privat tiegħu, mill-Head of Secretariat 'l isfel, skont l-official designation li għandhom?

20/06/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuni li jiffurmaw is-Segretarjat privat tiegħi huma ingaġġati skont il-Manwal, li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – SEGRETARJAT PRIVAT – KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1748. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom il-persuni li jiffurmaw is-segretarjat privat tiegħu, mill-Head of Secretariat 'l isfel, skont l-official designation li għandhom?

20/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuni li jiffurmaw is-Segretarjat privat tiegħi u tas-Segretarju Parlamentari huma ingaġġati skont il-Manwal, li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR – SEGRETARJAT PRIVAT – KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1749. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom il-persuni li jiffurmaw is-segretarjat privat tagħha, mill-Head of Secretariat 'l isfel, skont l-official designation li għandhom?

20/06/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuni li jiffurmaw is-Segretarjat privat tiegħi huma ingaġġati skont il-Manwal, li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – SEGRETARJAT PRIVAT – KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1750. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom il-persuni li jiffurmaw is-segretarjat privat tiegħu, mill-Head of Secretariat 'l isfel, skont l-official designation li għandhom?

20/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuni li jiffurmaw is-Segretarjat privat tiegħi huma ingaġġati skont il-Manwal, li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – SEGRETARJAT PRIVAT – KWALIFIKI AKKADEMIĊI**

**1751. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom il-persuni li jiffurmaw is-segretarjat privat tiegħu, mill-Head of Secretariat 'l isfel, skont l-official designation li għandhom?

20/06/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuni li jiffurmaw is-Segretarjat privat tiegħi huma ingaġġati skont il-Manwal, li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 28
04/10/2022

**MUŻEW MARITTIMU - ŻJARAT**

**1953. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra kemm persuni żaru l-Mużew Marittimu tul din is-sena u jista' jgħid x'inizjattivi ġodda ttieħdu jew se jittieħdu fih?

22/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Mużew Marittimu bħalissa jinsab għaddej minn proġett estensiv ta' restawr u riġenerazzjoni u għalhekk mhux aċċessibbli għall-pubbliku. Fil-fatt, infurmat illi s-sit kien miftuh sal-14 ta' Marzu 2020.

Fi tmiem il-proġett imsemmi l-mużew se joffri wirja permanenti ġdida b'faċilitajiet interattivi u esperjenza ħolstika li tinkludi spazji ġodda mill-binja li baqgħu mġarrfa sa minn tmien it-Tieni Gwerra, u li għalhekk qatt ma kienu miftuħa għall-pubbliku qabel.

Seduta 28
04/10/2022

**RAĦAL ĠDID - PJAZZA ANTOINE DE PAULE – RAPPORT TEKNIKU DWAR ĦSARAT U XOGĦLIJIET**

**2056. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari 1390 u 1657 billi s-sitwazzjoni issa ilha pendenti sew, jista' l-Ministru jieħu ħsieb ir-rapport tekniku dwar il-ħsarat u x-xogħlijiet li għandhom isiru fi Pjazza Antoine de Paule, Raħal Ġdid?

28/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li r-rapport tekniku dwar il-ħsarat u x-xogħlijiet li għandhom isiru fi Pjazza Antoine de Paule, Raħal Ġdid ġie redatt u qiegħed ikun skrutinizzat mill-partijiet ikkonċernati. Qed issir ħidma id f'id ma' entitajiet oħra biex isiru interventi neċessarji.

Seduta 28
04/10/2022

**FURJANA - KING GEORGE V RECREATIONAL GROUNDS – SEZZJONI DEDIKATA GĦALL-QTATES**

**2057. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1658, jista' l-Ministru jieħu ħsieb li jintbagħtu uffiċjali mill-Animal Welfare biex jaraw il-post u jagħtu d-direzzjoni u provvedimenti opportuni?

28/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 1658, ngħarrfu mill-ġdid sabiex iressaq din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 28
04/10/2022

**BORMLA – TRIQ SAN ĠWANN T'GĦUXA - RIABILITAZZJONI**

**2058. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1659, jista' l-Ministru jara li l-parti tal-aħħar tat-triq fejn hemm spazju miftuħ li jista' jiġi trasformat fi ġnien pubbliku iktar nadif u aċċessibbli għan-nies, jekk isiru bankijiet?

28/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Bormla illi dik il-parti ta' Triq San Ġwann t'Għuxa illi taħbat kantuniera ma' Triq Daħlet it-Tlett Ibliet, illi qed jirreferi għaliha l-Onor. Interpellant, hu spazju miftuħ li ma jaqax fir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali.

Seduta 28
04/10/2022

**VALLETTA – TRIQ GIROLAMO CASSAR – TISWIJIET**

**2059. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1662, issa li l-ħsara li hemm fl-aħħar parti ta' Triq Girolamo Cassar Valletta preċiżament fejn hemm forma ta' roundabout ġiet imsewwija, jista' l-Ministru jgħid min kien responsabbli sabiex ġew esegwiti x-xogħlijiet?

28/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija tieghu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 28
04/10/2022

**ŻEJTUN – PERSUNI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA FULL-TIME U PART-TIME**

**2060. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1663, jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti ż-Żejtun full-time u part-time tul dawn l-aħħar għaxar snin u possibbilment sena b'sena bis-sess relattiv?

28/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 28
04/10/2022

**BUĠIBBA U L-QAWRA – PRESSA BAXXA TA' ILMA**

**2125. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tinvestiga x'inhi r-raġuni li għaliha qed jiġi rrapportat nuqqas ta' pressa tal-ilma/pressa baxxa matul il-ġurnata f'Buġibba u l-Qawra (San Pawl il-Baħar) b'mod partikolari fi Triq it-Turisti u t-toroq li jgħaqqdu ma' din it-triq bħal Triq l-Indipendenza (fejn wieħed isib Flats Indipendenza) peress li r-residenti qed jiffaċċjaw bosta problemi biex jimlew it-tankijiet tal-ilma tagħhom? Kemm-il rapport wasal għand il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma rigward dan matul l-aħħar sitt xhur u f'liema toroq? X'azzjoni ttieħdet f'kull każ?

01/07/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill Onor. Interpellant li r-rapporti ta' pressjoni baxxa li waslu għand il-Korporazzjoni fl-aħħar sitt xhur kienu tnax kif indikat hawn taħt.

Triq Paderborn,
Triq Andrew Cunningham
Andrew Cunningham
Triq il-Ġifen
Triq il-Qwiebi
Triq San Ignazju
Triq San Massimiljanu Kolbe
Triq it-Turisti
Triq l-Ankri
Triq Gulju
Triq it-Tamar
Triq il-Ħġejjeġ

Dawn ir-rapporti ġew indirizzati fi żmien qasir.

Ninsab infurmata wkoll, li fi xhur li ġejjin il-Korporazzjoni se tnehdi proġett strateġiku li jikkonsisti fit-tkabbir ta' mejn prinċipali bejn il-ġibjun tan-Naxxar u Buġibba, b'investiment ta' €2.7 miljun. Dan il-proġett ser jassigura li ż-żieda fid-domanda fl-inħawi msemmija tintlaħaq b'mod konsistenti u b'anqas interventi operattivi.

Seduta 28
04/10/2022

**ESPORTAZZJONI TA' PATATA**

**2138. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm kienet esportata patata matul l-2022? Lejn liema pajjiżi fil-fatt intbagħtet din il-patata? (Għall-għan ta' din id-domanda, bejgħ ta' patata fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu wkoll inklużi).

01/07/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta illi l-esportaturi mhumiex fl-obbligu li jinnotifikaw lill-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli b'tali esportazzjoni ta' patata ġewwa l-konfini tal-Unjoni Ewropea. Ngħarrafha wkoll li sa issa ma kien hemm l-ebda notifiki ta' esportazzjoni ta' patata barra mill-konfini tal-Unjoni Ewropea.

Seduta 28
04/10/2022

**TELGĦA TA' SAN MARTIN U PARTIJIET MILL-WARDIJA SA BURMARRAD – TINDIF MILL-ĦAXIX SELVAĠĠ**

**2139. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jieħu l-passi neċessarji biex it-Telgħa ta' San Martin (mir-roundabout sa ħdejn l-Għar tal-Madonna), kif ukoll partijiet mit-toroq li jgħaddu mill-Wardija sa Burmarrad jitnaddfu mill-ħaxix selvaġġ (ħafna minnu bużbież), li qed joħloq periklu kbir għall-karozzi u vetturi oħrajn li jkunu għaddejjin minn dawn l-inħawi?

01/07/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi inħareġ 'Works Order' għat-tali xogħlijiet nhar it-22 ta' Ġunju 2022 fejn il-kuntrattur konċernat beda jwettaq dak mitlub fl-4 ta' Lulju 2022.

Seduta 28
04/10/2022

**GĦAWDEX: NADUR – TRIQ IR-RABAT U TRIQ TA' XĦAJMA - RESURFACING**

**2173. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta hu maħsub li ser isir resurfacing ta' Triq ir-Rabat u Triq Ta' Xħajma fin-Nadur u dan wara li saru trinek f'din it-triq diversi xhur ilu u li sal-lum għadhom bil-wiċċ tal-konkos? Ma jaħsibx li triq arterjali li jkollha parti minnha bil-konkos hija ta' periklu serju għas-sewwieqa? Jista' jgħid ukoll jekk hux se jsir resurfacing tat-triq kollha, kif sar f'postijiet oħrajn fejn ġew mgħoddija dawn it-trinek, jew hux se jsir patching fuq it-trinek biss?

04/07/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat minħabba li tali xogħol qed isir mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Seduta 28
04/10/2022

**GĦAWDEX: NADUR – TRIQ IR-RABAT – ĦAJT TA' LQUGĦ TAL-KONKOS**

**2174. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x' passi qed jittieħdu dwar il-ħajt ta' lqugħ tal-konkos li hemm fi Triq ir-Rabat, fin-Nadur li jidher li qed iċedi u li fih konsenturi, peress li dan minn mument għall-ieħor, jista' jċedi fuq it-triq, bil-periklu kollu li dan jista' jġib?

04/07/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tali kundizzjoni kemm tat-triq u anke tal-ħitan ser ikunu kkunsidrati minn pjan ħolistiku għat-triq prinċipali li twasslek għar-raħal tan-Nadur.

Seduta 28
04/10/2022

**GĦAWDEX: MARSALFORN – XOGĦOL FUQ IL-BREAKWATER**

**2175. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta mistenni jibda x-xogħol fuq il-breakwater ġdid f'Marsalforn? Jista' jgħid jekk saritx sejħa għall-offerti għal dan ix-xogħol? Jista' jgħid jekk id-disinn għal dan il-breakwater hux lest u jekk iva, iqiegħed kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra? Jista' jgħid jekk saritx applikazzjoni mal-Awtorità għall-Ippjanar għal dan il-proġett u jekk iva, iqiegħed kopja ta' din l-applikazzjoni, in-numru tagħha u jgħid fejn wasal il-proċess?

04/07/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol fuq il-breakwater ta' Marsalforn għadu fi stadju ta' permess. B'rabta ma' dan ġiet sottomessa applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar bin-numru ta' referenza PA/02106/21.
Sadanittant, bħalissa qiegħed jiġi kkumpilat l-Environmental Impact Assessment skont it-termini ddettati mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi abbażi tas-suġġerimenti li daħlu mill-konsultazzjoni pubblika.

Seduta 28
04/10/2022

**GOZO CHANNEL CO. LTD.: VAPUR NIKOLAUS- ĦLAS LIS-SIDIEN**

**2176. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien il-ħlas totali li rċevew is-sidien tal-vapur Nikolaus mingħand il-Gozo Channel u/jew mingħand il-Gvern ta' Malta, minn meta beda jopera sal-lum?

04/07/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 17223.

Seduta 28
04/10/2022

**DIRETTIVA (UE) 2019/882**

**2177. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'ħidma saret s'issa rigward it-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/882 tas-17 ta' April, 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u s-servizzi? Tista' tgħid jekk saritx xi forma ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/882 u jekk saret, ma' min u x'kien l-eżitu?

04/07/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi saru konsultazzjonijiet interministerjali u interdipartimentali f'dan ir-rigward, sabiex inqabel test ta' Avviż Legali li ġie mgħoddi taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Dizabilità (Kap. 627).

Din id-Direttiva ma tantx tagħti flessibilità dwar kif għandhom jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet tagħha, però fir-rigward tat-termini ta' skadenza għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet fir-rigward ta' prodotti u servizzi differenti, il-Gvern għażel li juża l-iskadenzi massimi illi tagħti lok għalihom id-Direttiva – hekk, qeghdin naraw illi l-imprenditur ikollu żmien ampju sabiex jadatta, filwaqt illi fl-istess ħin, permezz tat-traspożizzjoni, ikunu garantiti d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.

Fir-rigward tal-aspett regolatorju illi joħroġ mid-Direttiva, is-CRPD ingħatat ir-rwol tal-awtorità rilevanti tas-sorveljanza tas-suq, u permezz ta' Memorandum ta' Qbil li ġie ffirmat bejnha u bejn l-MCCAA, ser ikun hemm l-appoġġ meħtieġ biex jiġu implimentati elementi tad-Direttiva bħalma huma s-CE Marking, u l-irtirar ta' prodotti mis-suq fejn ikun hemm bżonn. Qed jiġi wkoll innegozjat Memorandum simili ma' entitajiet oħra illi għandhom għarfien speċjalizzat dwar oqsma tematiċi koperti mid-Direttiva.

Aktar minn hekk, diġà nbeda xogħol illi ser jinvolvi numru ta' stakeholders, sabiex ikun hemm għarfien, gwida u koperazzjoni, fil-proċess illi għandu jwassal għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva mill-partijiet involuti.

Filwaqt illi d-Direttiva ser tibda tapplika għall-ewwel grupp ta' prodotti u servizzi koperti mid-Direttiva sa mit-28 ta' Ġunju 2025, is-CRPD qiegħda taħdem flimkien mal-Ministeru responsabbli għall-ekonomija, biex ikun hemm diskussjonijiet mal-imsieħba soċjali, bħall-Kamra tal-Kummerċ u l-Kamra tal-SMEs, biex inkunu nistgħu mbagħad norganizzaw inizjattivi, noħorġu linji gwida u nagħtu sostenn, sabiex kulħadd ikun involut u mwieżen f'dan il-proċess.

Bl-istess mod, sejrin naraw illi jkun hemm gharfien u gwida għall-persuni b'diżabilità, il-familjari tagħhom, u l-għaqdiet illi jirrappreżentawhom, tul dan il-proċess.

Malta sadanittant kienet u għadha tipparteċipa fuq il-Grupp Ad Hoc tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva, permezz ta' rappreżentanti mid-Direttorat dwar l-Affarijiet tad-Diżabilità (DDI) fi ħdan l-MIVC, kif ukoll mis-CRPD.

Seduta 28
04/10/2022

**MCCAA – DIRETTURI ĠENERALI U DIRETTURI**

**2178. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid attwalment kemm hemm appuntati Diretturi Ġenerali u Diretturi fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) u f'kull każ meta tintemm il-ħatra ta' kull wieħed minnhom? Tista' tgħid jekk hemmx xi karigi ta' Direttur Ġenerali u/jew diretturi fi ħdan l-MCCAA li huma vakanti? Jekk hemm, liema huma dawn il-karigi u għal kemm żmien ilhom vakanti?

04/07/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed tiġi mehmuża l-lista tad-diretturi ġenerali u diretturi, skont il-liġi li tirregola lill-Awtorità għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, bid-dati ta' skadenza tal-kuntratt tagħhom rispettivament. Waqt li fil-każ tal-unika pożizzjoni vakata jinsab għaddej proċess biex din timtela, id-dmirijiet relatati qed jiġu osservati mill-Kap Eżekuttiv tal-istess Awtorità.

| **Nomenklatura** | **Kuntratt Eżistenti li jiskadi** | **Vakanti mill-** |
|---|---|---|
| Direttur Ġenerali (SMI) | 14-Settembru-23 | - |
| Direttur Ġenerali (OCA) | 14-Settembru-23 | - |
| Direttur Ġenerali (OC) | 14-Settembru-23 | - |
| Direttur Ġenerali (TRD) | - | 12-Jan-21 |
| Direttur (Sorveljanza tas-Suq) | 10-Jan-24 | - |
| Direttur (Affarijiet Regolatorji) | 10-Jan-24 | - |
| Direttur (Komunikazzjonijiet, Enerġija, Trasport u Servizzi Finanzjarji) | 16-Ottubru-25 | - |
| Direttur (Manifattura Primarja u Swieq tal-Bejgħ bl-Imnut) | 09-Ottubru-25 | - |
| Direttur (Investigazzjonijiet tal-Ispettorat u l-Kartelli) | 30-Nov-23 | - |
| Direttur (Ilmenti u Konċiljazzjoni) | 31-Awissu-25 | - |
| Direttur (Infurzar) | 17-Jan-24 | - |
| Direttur (Informazzjoni, Edukazzjoni u Riċerka) | 17-Jan-24 | - |
| Direttur (Standardizzazzjoni) | 14-Frar-24 | - |
| Direttur (Metroloġija) | 30-Ġunju-25 | - |
| Direttur (Servizzi tal-Laboratorju) | 30-Ġunju-25 | - |

Seduta 28
04/10/2022

**RABAT MALTA: TRIQ IT-TIĠRIJA - XOGĦLIJIET**

**2205. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jispjega għaliex reġgħet inqalgħet Triq it-Tiġrija, fir-Rabat Malta? Jista' jgħid liema xogħol sar u min ħallas tax-xogħol li sar?

05/07/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara li rriżultaw ħsarat f'parti żgħira biss mit-triq indakata, twila ftit aktar minn 3 kilometri bejn ir-Rabat u s-Siġġiewi, Infrastructure Malta ħadet miżuri biex din il-parti fuq in-naħa tas-Saqqajja ġiet imsewwija billi saret sodda tal-konkos bix-xibka u nksiet b'żewġ saffi t'asfalt.

Seduta 28
04/10/2022

**RABAT: TRIQ DONI – RAILING TAT-TARAĠ**

**2206. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid għaliex it-taraġ fi Triq Doni, ir-Rabat ma sarlux railing biex ikun aċċessibbli? Jista' jgħid jekk hux se jsir railing biex isir aċċessibbli?

05/07/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 28
04/10/2022

**RABAT – TRIQ TAT-TABIJA - TRAFFIC CALMING MEASURES**

**2209. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jsiru xi tip ta' 'traffic calming measures' fi Triq tat-Tabija, ir-Rabat Malta, minħabba n-numru ta' inċidenti li jsiru li jinvolvu residenzi privati minħabba veloċità eċċessiva?

05/07/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi Transport Malta qiegħda f'taħditiet ma' Infrastructure Malta sabiex s-sitwazzjoni fi Triq it-Tabija tiġi għall-aħjar fejn tidħol sigurtà.

Seduta 28
04/10/2022

**BAJJIET TA' KEMMUNA – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**2211. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1916 u jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajjiet ta' Kemmuna? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

05/07/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fil-preżent hemm 3 beach concessions fil-bajjiet ta' Kemmuna.

Seduta 28
04/10/2022

**BAJJIET TA' KEMMUNA – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**2212. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1917 u jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajjiet ta' Kemmuna? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

05/07/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-1 ta' Jannar 2018, is-siti ġewwa l-Bajjiet ta' Santa Marija u Blue Lagoon f'Kemmuna, ġew mikrija lill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

Seduta 28
04/10/2022

**BAJJA TAL-ARMIER – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**2213. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1904 u 2068 u jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-Bajja tal-Armier? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

05/07/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fil-Bajja tal-Armier hemm 5 lidos li għandhom liċenzja sabiex jikru deckchairs u umbrelel abbażi ta' concession tal-Lands.

Seduta 28
04/10/2022

**BAJJA TAL-GOLDEN SANDS – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**2214. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1908 u 2069 u jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja tal-Golden Sands? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

05/07/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fil-Bajja ta' Golden Sands hemm operatur wieħed li għandu l-liċenzja jikri deckchairs u umbrelel lill-pubbliku inġenerali.

Seduta 28
04/10/2022

**BAJJA TAL-GĦADIRA – KIRI TA' DECKCHAIRS U UMBRELEL**

**2215. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1906 u 2070 u jgħid jekk hemmx beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja tal-Għadira? Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions/kuntratti/liċenzji/permessi fuq il-Mejda tal-Kamra?

05/07/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fuq il-Bajja tal-Għadira hemm 8 lidos/kiosks li għandhom il-liċenzja biex jikru deckchairs u umbrelel abbażi ta' concession tal-Lands.

Seduta 28
04/10/2022

**KUNSILLI LOKALI - ILMENTI**

**2222. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1432 u 1968 u jagħti rendikont ta' kemm-il ilment ġie reġistrat fil-Kunsilli Lokali kollha, u b'mod rispettiv għal kull lokalità, fl-aħħar sentejn?

05/07/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba tinsab fil-lista t'hawn taħt:

| Lokalità | Nru Totali ta' Ilmenti (2017-2022) |
|---|---|
| Il-Belt Valletta (Citta' Umilissima) | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv ghadu ma baghtx l-informazzjoni relattiva. |
| L-Imdina (Citta' Nobile) | 21 |
| Il-Birgu (Citta` Vittoriosa) | 735 |
| L-Isla (Citta' Invicta) | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv ghadu ma baghtx l-informazzjoni relattiva. |
| Bormla (Citta Cospicua) | 1180 |
| Ħal Qormi (Citta' Pinto) | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv ghadu ma baghtx l-informazzjoni relattiva. |
| Ħaż-Żebbuġ (Ċitta Rohan) | 2000 |
| Ħaż-Żabbar (Citta' Hompesch) | 3,160 |
| Is-Siġġiewi (Citta Ferdinand) | 1,500 |
| Iż-Żejtun(Citta` Beland) | 11,725 |
| Ir-Rabat (Għ) (Citta` Victoria) | 823 |
| Ħ'Attard | Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, illi l-istess Kunsill m'għandux system ta' mail registration jew complaint handling system. Infurmati li zmien ilu kien hemm sistema li kienet tithaddem fuq pjattaforma tal-Gvern imma din ma baqghetx tiffunzjona.<br><br>Inoltre, infurmati illi kull ilment li jidhol minn facebook jew bl-imejl, jigi mghoddi u rrispondut minnufih anka wara l-hin tax-xoghol minhabba li l-istaff kollu inkluz is-Sindku ghandu access ghall-facebook page tal-Kunsill u l-imejl mid-dar. |
| Ħal Balzan | 291 |
| Birkirkara | 4,000 |
| Birżebbuġa | 2,640 |

| | |
|---|---|
| Ħad-Dingli | 3,000 |
| Il-Fgura | 2257 |
| Il-Floriana | Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Floriana illi l-istess Kunsill jirċievi numru ta' lmenti kuljum b'mezzi differenti. Dawn l-ilmenti jiġu indirizzati mill-istaff amministrattiv u l-ħaddiema manwali skond il-ħtieġa, iżda infurmat li l-Kunsill Lokali ma għandu l-ebda sistema jew proċedura li tirreġistra dawn l-ilmenti u lanqas ir-riżorsi biex tinġabar din l-informazzjoni. Għaldaqstant infurmat li ma jistax jiġi determinat in-numru ta' lmenti li saru mill-1 ta' Lulju 2020. |
| Il-Fontana | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv ghadu ma baghtx l-informazzjoni relattiva. |
| il-Gudja | 582 |
| Il-Gżira | 2800 |
| Għajnsielem | 68 |
| L-Għarb | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv ghadu ma baghtx l-informazzjoni relattiva. |
| Ħal Għargħur | 150 |
| L-Għasri | 43 |
| Ħal Għaxaq | 1078 |
| Il-Ħamrun | Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Hamrun, illi l-istess Kunsill ma jzommx 'data' daqshekk fit-tul. |
| L-Iklin | 683 |
| Il-Kalkara | 104 |
| Ta' Kerċem | Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Kercem illi l-istess Kunsill gieli jircievi rapporti ta' tipi differenti imma dan mal-ewwel jigi nnutat u jintbghatu l-haddiema biex jirrangaw u/jew jindirizzaw il-problema. Infurmat mill-Kunsill ghalhekk li l-istess Kunsill tali rapporti ma jqishomx bhala ilmenti. |
| Ħal Kirkop | 368 |
| Ħal Lija | 2,080 |
| Ħal Luqa | 447 |
| Il-Marsa | NIL |
| Marsaskala | 6,728 |
| Marsaxlokk | 809 |
| Il-Mellieħa | 3760 |
| L-Imġarr | 1312 |
| Il-Mosta | 1160 |
| Mqabba | 363 |
| L-Imsida | 2,748 |
| Il-Munxar | 176 |
| In-Nadur | 70 |
| In-Naxxar | Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar illi l-istess Kunsill ma jżommx dettalji tal-ilmenti kollha. |
| Ir-Raħal Ġdid (Paola) | 1,027 |
| Pembroke | 520 |
| Tal-Pieta' | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv ghadu ma baghtx l-informazzjoni relattiva. |
| Il-Qala | 140 |
| Il-Qrendi | 1,550 |
| Ir-Rabat (Mt) | 516 |
| Ħal Safi | 287 |
| San Ġiljan | 4,940 |
| San Ġwann | 1265 |
| San Lawrenz | 29 |
| San Pawl il-Baħar | 9,099 |
| Ta' Sannat | 394 |
| Santa Luċija | 381 |
| Santa Venera | 2147 |
| Tas-Sliema | Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema, illi l-informazzjoni mitluba mhux kwantifikabbli' |
| Is-Swieqi | 967 |

| | |
|---|---|
| Ta' Xbiex | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv ghadu ma baghtx l-informazzjoni relattiva. |
| Ħal Tarxien | 432 |
| Ix-Xagħra | Ninsab infurmat illi l-Kunsill Lokali rispettiv ghadu ma baghtx l-informazzjoni relattiva. |
| Ix-Xewkija | 168 |
| Ix-Xgħajra | 231 |
| Iż-Żebbuġ (Għ) | 194 |
| Iż-Żurrieq | 1,827 |
| L-Imtarfa | 2,435 |

Seduta 28
04/10/2022

**SERVIZZ ĊIVILI – IMPJEGATI FIL-KARIGA TA' MESSAĠĠIERA**

**2223. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2012 u jgħid kemm hu t-total ta' persuni impjegati maċ-Ċivil u ma' awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali, fil-kariga ta' Messaġġiera u kemm minnhom daħlu mal-Gvern f'dawn l-aħħar ħames snin?

05/07/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li bħalissa hawn 97 impjegati fis-Servizz Pubbliku u 225 fis-Settur Pubbliku fil-grad ta' messaġġier. F'dawn l-aħħar ħames snin, ġew impjegati 2 fis-Servizz Pubbliku, waqt li telqu 22. Fis-Settur Pubbliku ġew impjegati 94 u telqu 71.

Seduta 28
04/10/2022

**MELLIEĦA, NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR - POSTIJIET TA' RESIDENZA**

**2229. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 1861 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba ta' mistoqsija parlamentari 1045, jista' l-Ministru jindika ż-żewġ indirizzi f'San Pawl il-Baħar (jekk mhux possibbli jingħata l-indirizz kollu, tingħata l-isem tat-triq u possibbilment l-isem tal-blokka) fejn skont it-tweġiba għall-istess domanda ġew akkwistati żewġ appartamenti mibnija mill-privat li ġew allokati għall-akkomodazzjoni soċjali?

07/07/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninsab infurmat illi ż-żewġ appartamenti inkwistjoni jinsabu fi Triq il-Qalb ta' Ġesu, San Pawl il-Baħar.

Seduta 28
04/10/2022

**MELLIEĦA, NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR - POSTIJIET TA' RESIDENZA**

**2230. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1862 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba ta' mistoqsija parlamentari 1045, jista' l-Ministru jindika l-indirizz għal kull post ta' residenza li tqassam mill-2017 sad-data li fiha ġiet imwieġba l-istess domanda parlamentari u dan sena sena b'mod separat għal kull sena u kull lokalità tal-Mellieħa, Naxxar u San Pawl il-Baħar (li tinkludi żoni bħal Buġibba, il-Qawra u x-Xemxija) (jekk mhux possibbli jingħata l-indirizz kollu, tingħata l-isem tat-triq u possibbilment l-isem tal-blokka)?

07/07/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 28
04/10/2022

**TA' QALI: PITKALIJA - XOGĦOL TA' TIBDIL STRUTTURALI**

**2231. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1687 u 1922 u jagħti tagħrif dwar meta mistenni jsir xogħol ta' tibdil strutturali fil-Pitkalija f'Ta' Qali? Meta mistenni jitlesta dan ix-xogħol? Fiex jikkonsisti x-xogħol li għandu jsir?

07/07/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li sa mit-twaqqif tal-Malta Food Agency beda xogħol ta' titjib strutturali kif ukoll xogħol ta' manutenzjoni fiż-żoni tal-bejgħ u fid-depot tal-kaxxi. Ix-xogħol li sar jinkludi soqfa ġodda, tibdil fit-tqassim ta' sheds, titjib f'uffiċini u faċilitajiet operattivi. It-titjib strutturali huwa proċess li mistenni jibqa' għaddej skont kif tkun il-ħtieġa.

Seduta 28
04/10/2022

**STATEMENTING BOARD – APPLIKAZZJONIJIET TA' TFAL – LISTA TA' STENNIJA**

**2242. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm applikazzjonijiet ta' tfal li qed jistennew biex jarahom l-iStatementing Board?

08/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 28
04/10/2022

**SKOLASAJF – ALLOKAZZJONI TA' FONDI**

**2243. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 621 u jgħid x'baġit allokat hemm għal SkolaSajf?

08/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-allokazzjoni tal-baġit għal SkolaSajf 2022 kien dak ta' €5,000,000 u li minnu gawdew 'il fuq minn 10,500 student imqassmin fl-iskejjel tal-Istat madwar Malta u Għawdex. Ta' min jinnota li, waqt li fl-aħħar sentejn is-servizz kien affettwat drastikament bil-pandemija tal-COVID-19, din is-sena l-ammont ta' tfal parteċipanti żdied konsiderevolment.

Seduta 28
04/10/2022

**GEM16+ - BIDLIET FIL-PROGRAMM**

**2244. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-pjan li jsiru xi bidliet fil-programm tal-GEM16+?

08/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Filwaqt li nistieden lill-Onor. Interpellant jirreferi wkoll għat-tweġiba mogħtija għal mistoqsija parlamentari numru 2085, ninfurmah li m'hemm l-ebda pjan li jsiru bidliet fil-programm tal-GEM16+.

Seduta 28
04/10/2022

**RAĦAL ĠDID – PROGRAMM ALP**

**2245. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan li jsiru xi tibdiliet fil-programm tal-ALP f'Raħal Ġdid?

08/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent l-iskola għaddejja bi proċess ta' reviżjoni tas-sillabi bl-iskop li jinżamm il-livell ta' eċċellenza fl-aspetti prattiċi kif ukoll teoretiċi tal-programm. Għaldaqstant għas-sena skolastika li jmiss m'hemmx pjanat tibdil fil-programm.

Seduta 28
04/10/2022

**PSYCHOLOGICAL REPORTS - STUDENTI**

**2246. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jgħid jekk il-Psychological Reports tal-istudenti li jattendu f'Ċentri ta' Riżorsi jingħatawx lill-ġenituri? Jekk le, jista' jgħid għaliex u x'inhi l-prassi?

08/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rapporti psikoloġiċi li jsiru mill-psikologi li jaħdmu fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jingħaddew lill-ġenituri tal-istudent/a.

Seduta 28
04/10/2022

**ĊENTRI TAR-RIŻORSI – KRITERJI TA' ELEĠIBILITÀ**

**2247. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kriterji tal-eleġibilità mitluba minn għalliema u LSEs li jaħdmu fiċ-Ċentri tar-Riżorsi?

08/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kriterji tal-eliġibbiltà mitluba minn għalliema u LSEs li jaħdmu fiċ-Ċentri tar-Riżorsi huma l-istess bħalma huma ta' dawk li jaħdmu fl-iskejjel tal-mainstream.

Seduta 28
04/10/2022

**PARTEĊIPAZZJONI TA' MALTA FIL-BIENNALE TA' VENEZJA 2022**

**2358. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid:
a. Kemm hi s-somma totali li ġiet tiswa l-parteċipazzjoni ta' Malta fil-Biennale ta' Venezja tal-2022?
b. Kemm kien hemm persuni involuti f'dan il-proġett?
c. Min kienu dawn il-persuni u x'kompetenza kellhom għal dan il-proġett?
d. Xi kriterji ntużaw biex ġew magħżula dawn il-persuni, u mhux oħrajn?
e. Kemm kienet l-ispiża tal-biljetti tal-ivvjaġġar bl-ajru, trains, taxis u mezzi oħrajn?
f. Kemm kienet l-ispiża tal-lukandi ta' kull individwu?
g. Kemm kienet l-ispiża tar-reklamar?
h. Kemm tħallas kull wieħed minnhom?
i. Kemm tħallas kull artist involut?
j. Kemm tħallas kull uffiċjal u kumpanija involuti separatament?
k. Kemm allowances ġew mogħtija lil dawn l-imsemmija uffiċjali u kumpaniji?

19/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li:

**a. Kemm hi s-somma totali li ġiet tiswa l-parteċipazzjoni ta' Malta fil-Biennale ta' Venezja tal-2022?**
Kiri tal-Padiljun ta' Malta ġewwa Venezja: EUR155,000
Grant lit-Team Kuratorjali: Euro150,000

**b. Kemm kien hemm persuni involuti f'dan il-proġett?**
It-tim kuratorjali kien jikkonsisti minn seba' persuni.

**c. Min kienu dawn il-persuni u x'kompetenza kellhom għal dan il-proġett?**

**Keith Sciberras, Kokuratur**

Kap tad-Dipartiment tal-Arti u tal-Istorja tal-Arti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta. Fl-2005 intlaqa' bħala Andrew W. Mellon Senior Fellow mid-Dipartiment tal-Pitturi Ewropej tal-Metropolitan Museum of Art ta' New York. Fl-2012 inħatar fiduċjarju tal-Assoċjazzjoni tal-Istoriċi tal-Arti ta' Londra. Ippubblika b'mod estensiv dwar Caravaggio, l-iskultura Barokka Rumana u l-pittura Barokka Taljana filwaqt li ta kontribut f'bosta proġetti ta' riċerka u wirjiet internazzjonali. Sciberras huwa Membru tas-Senat u Delegat tar-Rettur għall-Kuratela tal-Bini Storiku u tax-Xogħlijiet Artistiċi.

**Jeffrey Uslip, Kokuratur**

Kuratur ibbażat fi New York. Uslip organizza diversi esibizzjonijiet ma' wħud mill-aktar artisti innovattivi, versatili u impenjattivi ta' żmienna. Bħalissa qiegħed jikkura l-Biennale ta' Vancouver 2018-2020 re-IMAGE-n. Bejn l-2014 u l-2017 serva bħala Deputat Direttur għall-Esibizzjonijiet u Programmi/Kuratur Ewlieni tal-Mużew tal-Arti Kontemporanja St. Louis ta' Missouri. Ikkura wkoll bosta proġettibħala solista u organizza diversi debutti f'mużewijiet kif ukoll wirjiet għal artisti u mużewijiet magħrufa. Uslip huwa wkoll kandidat avanzat għal Dottorat fl-Institute of Fine Arts tal-Università ta' New York fejn qiegħed itemm it-teżi tiegħu Cady Noland and the Age of Reagan.

**Brian Schembri, Mużiċist**

Wieħed mill-aktar mużiċisti prolifiċi Maltin b'reputazzjoni tajba mal-kritiċi lokali. Schembri beda t-taħriġ mużikali tiegħu minn età żgħira taħt il-gwida ta' missieru Carmelo Schembri. Wara ggradwa fil-pjanu u fid-direzzjoni mill-konservatorji Tchaikovsky ta' Kiev u ta' Moska. Okkupa l-karigi ta' Direttur Ewlieni tal-Orkestra OPF u tal-Orquestra Metropolitana de Lisboa, Direttur Mużikali fit-Teatru Manoel u Direttur Artistiku u Prim Surmast tal-Orkestra Filarmonika ta' Malta. Fost orkestri oħrajn Schembri ġie mistieden jidderieġi l-Orkestra Filarmonika Rjali, l-Orquestra Ciutat de Barcelona, l-Orchestre national du Capitole de Toulouse, l-Orchestre Nationale de France, il-Litwanian State Symphony Orchestra, l-Orchestre National de Lyon, il-London Philharmonic Orchestra, in-Nordwestdeutsche Philharmonie, is-Svetlanov State Symphony Orchestra u l-Opera Hong Kong. Schembri ngħata l-Malta Cultural Award u l-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika.

**Giuseppe Schembri Bonaci, Artist**

Studja l-Filosofija, il-Liġi u l-Arti. Iggradwa mill-Università ta' Malta, mill-Università Statali ta' Kiev u mill-Università Statali ta' Moska u wettaq studji ta' riċerka postgraduate fl-Università Statali ta' Milan. Kiteb diversi kotba dwar l-Arti Moderna u Kontemporanja, il-Filosofija tal-Arti u l-Arti Maltija tas-seklu għoxrin. Schembri Bonaci huwa koordinatur tal-Programm tal-Belle Arti fid-Dipartiment tal-Arti u l-Istorja tal-Arti, Direttur Artistiku tal-APS Mdina Cathedral Contemporary Art Biennale u Direttur Artistiku ta' Strada Stretta Concept – programm kulturali li jaqa' taħt il-patroċinju tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta. Bħalissa qiegħed jaħdem fuq sensiela ta' pubblikazzjonijiet rigward id-djalogu viżiv tal-artist Malti Josef Kalleya mad-Divina Commedia ta' Dante.

**Arcangelo Sassolino, Artist**

Twieled f'Viċenza fl-1967. Ilu jesebixxi fil-livell internazzjonali mill-2001. Esebixxa diversi xogħlijiet bħala solista f'bosta mużewijiet, fosthom fil-Contemporary Art Museum (St. Louis, 2016), Palais de Tokyo (Pariġi, 2008), Feinkost, (Berlin, 2008), Galleria Continua (San Gimignano, 2010) u l-MACRO Museum (Ruma, 2011). Ix-xogħlijiet ta' Sassolino jinsabu mxerrda wkoll f'bosta kollezzjonijiet pubbliċi u privati, fosthom f'MART (Rovereto), 21c Museum Hotel (Louisville, Kentucky), Essl Sammlung (Vjenna), UniCredit Private Banking (Turin), Fondazione Domus per l'Arte Moderna e Contemporanea (Verona) u Palazzo Maffei – Fondazione Carlon (Verona).

**Nikki Petroni, Ġestriċi tal-Proġett**

Kisbet Baċċellerat fl-Istorja tal-Arti mill-Università ta' Malta u mbagħad segwiet studji fil-livell postgraduate fl-University College London (UCL) fejn iggradwat fl-2013. Fl-2019 temmet Dottorat fl-Arti Moderna Maltija fl-Università ta' Malta taħt is-superviżjoni tal-Professur Giuseppe Schembri Bonaci. Bħalissa hija lettriċi mistiedna fl-Arti Moderna u Kontemporanja fid-Dipartiment tal-Arti u l-Istorja tal-Arti fl-Università ta' Malta. Hija wkoll membru tal-kumitat kuratorjali tal-APS Mdina Cathedral Contemporary Art Biennale u Koordinatriċi ta' Strada Stretta Concept (Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta). Minbarra li taħdem ta' riċerkatriċi u kuratriċi indipendenti, Petroni twettaq ukoll ħidma editorjali fuq essejs akkademiċi, kotba u katalgi ta' esibizzjonijiet.

**Esther Flury, Ġestriċi tal-Proġett**

Professjonista fis-settur artistiku mwielda fl-Isvizzera u bbażata fi New York. Flury għandha aktar minn għoxrin sena esperjenza ta' ħidma ma' artisti internazzjonali. Ipproduċiet kif ukoll ikkokkurat l-ewwel esibizzjoni ta' Christoph Schlingensief fil-Biennali ta' Venezja Church of Fear fl-Arsenale u l-Pole Sitting Contest fil-Giardini. Ħadet ħsieb it-tnedija u l-ġestjoni ta' proġetti artistiċi għal RxArt – organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li tgħin lit-tfal ifiequ minn mard bis-saħħa tal-qawwa tal-arti viżiva, b'mod partikulari billi tikkummissjona artisti kontemporanji biex jittrasformaw faċilitajiet tal-kura tas-saħħa f'ambjenti impenjattivi li jispiraw lill-pazjenti. Barra minn hekk, serviet bħala esperta tal-arti viżiva għall-Kunsill Żvizzeru għall-Arti (Pro Helvetia) fid-Dipartiment għall-Iskambju Kulturali mal-pajjiżi taċ-Ċentru tal-Ewropa tal-Lvant. Flury kisbet Maġisteru fl-Istorja tal-Arti, ix-Xjenzi tal-Midja u l-Lingwistika mill-Università tal-kapitali Żvizzera Zurich, editjat u annotat il-katalgu sistematiku tal-artist Żvizzeru Roman Signer. Tikteb ukoll f'diversi ġurnali tal-arti, gazzetti u katalgi ta' esibizzjonijiet internazzjonali.

**d. Xi kriterji ntużaw biex ġew magħżula dawn il-persuni, u mhux oħrajn?**

**Kriterji ippublikati fil *CALL FOR A CURATORIAL TEAM: THE MALTA PAVILION AT THE 59TH INTERNATIONAL ART EXHIBITION – LA BIENNALE DI VENEZIA***

***The jury panel shall be guided by the following criteria throughout the process leading to the final selection:***

***Criterion 1. Exhibition Concept (40 marks)***
*This criterion considers the artistic idea(s) of the proposal and the relevance of the concept with regards to the theme set in this open call.*
*• What is the curatorial concept? (10 marks)*
*• How is the concept referring to the Sustainable Development Goals? (10 marks)*
*• How do you intend to develop the proposed concept into a narrative which is immersive, interactive,*

*inspiring, thought provoking and experiential? Give an overview of the selected artworks/audiovisuals etc. of the proposed project. (10 marks)*
*• In your opinion, in what way(s) is the Maltese contemporary artistic scene relevant today? Can it have an impact internationally, and how do you intend to do that? (10 marks)*

***Criterion 2. Curatorial Team (40 marks)***
*This criterion considers the level of commitment, the track record of all team members, as well as the proposed plan to deliver and achieve the aims targeted. Applicants are to include timeframes, workplan with collaborators involved, the skills and track record of the individual/group managing and participating in the project, their role(s) within the project, possible risks envisaged and contingency plans, health and safety measures, especially in view of the COVID-19 situation.*
*• In what way(s) do you as a team intend to lead to a level of artistic excellence in the delivery of the proposed concept? Do the curators have a strong international profile and are they considered by the sector to be at the 'top of their game'? (20 marks)*
*• Explain the strengths and merits of the artist(s) whose works you are selecting for the Malta Pavilion exhibition, with a particular focus on their track record. (20 marks)*

***Criterion 3. Budget (20 marks)***
*This criterion considers how well-planned and realistic the presented budget plan is. To make a stronger case in terms of this criterion, applicants are required to provide quotations where possible, to substantiate the budget items*
*• Is the project budget and logistics well planned and realistic? Is the project likely to achieve its ambitions and meet its targets? (20 marks)*

https://www.artscouncilmalta.org/files/uploads/misc/Venice%20Biennale%20-%20Call%20for%20a%20Curatorial%20Team%20Malta%20Pavilion%202022.pdf

**e. Kemm kienet l-ispiża tal-biljetti tal-ivvjaġġar bl-ajru, trains, taxis u mezzi oħrajn?**
L-ispiża ġiet koperta mit-tim kuratorjali.

**f. Kemm kienet l-ispiża tal-lukandi ta' kull individwu?**
L-ispiża ġiet koperta mit-tim kuratorjali.

**g. Kemm kienet l-ispiża tar-reklamar?**
€57,123.29

**h. Kemm tħallas kull wieħed minnhom?**

| COUNTRY | PUBLICATION | TIMEFRAME | REASONING | DETAILS | COST |
|---|---|---|---|---|---|
| MALTA | Times of Malta | March 2021 | To promote the Open Call for the Curatorial Team locally | Advert Full Page | €1787.7 |
| MALTA | Times of Malta online | March 2021 | To promote the Open Call for the Curatorial Team locally | Advert online | €908.6 |
| INTERNATIONAL | EFLUX | February- March 2021 | To promote the Open Call for the Curatorial Team Internationally | Advert online | €3180 |
| INTERNATIONAL | Mousse | February- March 2021 | To promote the Open Call for the Curatorial Team Internationally | Advert online | €2502 |
| USA | ArtForum - APRIL | April issue out on 1 April - | Leading US Art specialist title | Advert Full Page | €4,053.96 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | visuals deadline is mid-February 2022 | | | |
| ITALY | Il Giornale dell’Arte (Summer) | June issue 2022 | Highly respected monthly periodical dedicated to the world of art. | Advert Half Page | €3,500.00 |
| UK | NOWNESS - MAY | w/c 2 May 2022. Estimate of 2 weeks after installation is ready and video is taken | Luxury lifestyle platform, as we are exploring titles beyond the arts | Advertorial | €12,460.99 |
| UK | Conde Nast Traveller | June, July & August 2022 issues (out from May, June & July) | Travel title for Malta / Arts Council Malta specific advertorial | Advertorial (1/4 page x 3 issues) | €5,504.92 |
| ITALY | Exibart | May 2022 issue distributed at the Biennale | Exibart participate in the Biennale, and is another Italian title which we wanted to explore for 2022 | Advertorial | €1,220.00 |
| ITALY/ US/ ASIA | Designboom | from w/c 25 April 2022 | Leading design title with international reach - based in Milan, Beijing and New York | Advertorial | €3,000.00 |
| INTERNATIONAL | ArtReview | April 2022 | Leading contemporary-art media platforms | Digital Advert | €1,114.53 |
| MALTA/VENICE | Artpaper | April 2022-distributed at the Biennale and in Malta | Leading local contemporary-art magazine | Printed Art magazine dedicated to the Malta Pavilion 2022 distributed in Venice and Malta | €5900 |
| VENICE | My Art Guides | April 2022-distributed at the Biennale | Leading Guide book in Venice during the Biennale | Advertorial | €2500 |
| VENICE | Musumeci | April – November 2022 | Flyers on the Malta Pavilion for visitors | Flyers on the Malta Pavilion | €2928 |
| VENICE | IGP Decaux S.p.A. | April – November 2022 | All visitors in Venice could see adverts of the Malta Pavilion on the vaporetti (water ferries) | Adverts on the vaporetti in Venice | €5713.58 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| MALTA- VENICE | Midsea Books | April- November 2022 | Malta Pavilion Catalogues | Malta Pavilion Catalogues | €850 |

**i. Kemm tħallas kull artist involut?**
It-tim kuratorjali rebah Grant ta' EUR150,000 wara sejħa internazzjonali.

**j. Kemm tħallas kull uffiċjal u kumpanija involuti separatament?**

| **Name** | **Description** | **Amount** |
|---|---|---|
| Margaret House | Communications company based in London | EUR26,530 |
| Arts Events | Arts Events was responsible for the hiring and management of the 2 Site Officers based in Venice managing the daily running of the Malta Pavilion and daily supervision of the Maltese University and MCAST Erasmus students in Venice | EUR28,616 |
| Livestream | Production of website of the Malta Pavilion and social media content on Instagram, Facebook etc | EUR6,580 |
| Edoardo Monti | organisation of the Press Trip in Italy | EUR1,500 |
| Amman Hotel | Press launch event in Venice | EUR10,200 |
| AFS Service Audio Luce | Press launch of the Malta Pavilion in Venice | EUR5,435 |
| Ann Marie Saliba | curatorial assistant at the Malta Pavilion in Venice | EUR1,800 |
| Emma Borg | curatorial assistant at the Malta Pavilion in Venice | EUR1,800 |
| Kevin Saliba | Malta Pavilion press releases and website translations | EUR507 |
| Noċemuskata | Production and Direction of Malta Pavilion Documentary and Nowness Feature | EUR8,118 |
| Sebio Aquilina | Filming of Malta Pavilion Documentary | EUR4,750 |
| Charles William Camilleri | Music for Malta Pavilion Documentary | EUR2,400 |

**k. Kemm allowances ġew mogħtija lil dawn l-imsemmija uffiċjali u kumpaniji?**
Xejn.

Seduta 28
04/10/2022

**PARTEĊIPAZZJONI TA' MALTA FIL-BIENNALE TA' VENEZJA 2022**

**2359. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid:
a. Kemm ġiet tiswa l-parteċipazzjoni ta' Malta fil-Biennale ta' Venezja 2022?
b. Kemm kienet l-ispiża tal-biljetti tal-ivvjaġġar bl-ajru, trains, taxis u mezzi oħrajn?
c. Kemm kienet l-ispiża tal-lukandi ta' kull individwu?
d. Kemm kienet l-ispiża tar-reklamar?
e. Min kienu n-nies (semmi min kienu) li kellhom x'jaqsmu f'din il-parteċipazzjoni? X'kienet il-kompetenza tagħhom għal din il-partċipazzjoni?
f. Xi kriterji ntużaw biex ġew magħżula dawn in-nies, u mhux oħrajn?
g. Kemm tħallas kull wieħed minnhom?
h. Kemm tħallas kull artist involut?
i. Kemm tħallas kull uffiċjal u kumpanija involuti separatament?
j. Kemm allowances ġew mogħtija lil dawn l-imsemmija uffiċjali u kumpaniji?

19/09/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tliet membri tal-Kummissjoni għal Films attendew il-Biennale ta' Venezja 2022, fejn l-għan prinċipali kien li jiġu attirati aktar produzzjonijiet lejn pajjiżna u b'hekk nikkrejaw aktar opportunitajiet ta' xogħol għal Maltin u l-Għawdxin, filwaqt li nkomplu nsaħħu l-ekonomija tal-pajjiż. L-ispiża kienet ta' sittax-il elf ewro u disa' mija, li tinkludi spejjeż relatati ma'

partċepazzjoni, vjaġġar, akkomodazzjoni u reklamar.  Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ma kien hemm l-ebda spejjeż addizzjonali apparti dawn imsemmija.

Seduta 28
04/10/2022

## XIRI TA' ART F'BORĠ IN-NADUR

**2360. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tax-xiri tal-art ġewwa Borġ in-Nadur bi spiża ta' €200,000?

19/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qiegħed inpoġġi d-dokument mitlub fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 28
04/10/2022

## FTUĦ UFFIĊJALI TAL-FILM JURASSIC WORLD DOMINION F'MALTA

**2361. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jippubblika l-breakdown taċ-ċifra ta' kemm ġie jiswa l-ftuħ uffiċjali tal-film *Jurassic World Dominion* f'Malta?

19/09/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-ftuħ uffiċjali tal-film ġie jiswa €9,100.

Seduta 28
04/10/2022

## BELT VALLETTA – DISPLAY TA' DINOSAWRI

**2362. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid:
a. Kemm ġew jiswew id-displays tad-dinosawri li tpoġġew ġewwa l-Belt Valletta dan is-sajf 2022?
b. X'kien l-għan tagħhom primarjament?
c. Jekk l-għan intlaħaqx, u jagħti prova tanġibbli ta' dan?

19/09/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li d-display tad-dinosawru fil-Belt hi attrazzjoni fiha nnifisha, li ngħatat pubbliċità fil-midja internazzjonali, inkluż dik fl-Istati Uniti tal-Amerka, u kienet intiża biex tassimila l-film mal-postijiet li fih inħadem kif riflessi b'mod prominenti fl-istess blockbuster ta' Hollywood.
Id-deċiżjoni kienet parti minn kampanja pubbliċitarja importanti fl-eqqel tas-suċċess li qed jikseb il-film, l-ewwel blockbuster li jsemmi speċifikament lil pajjiżna f'uħud mill-isbaħ xeni tiegħu.
Minbarra hekk, deċiżjonijiet simili huma pass ieħor 'il quddiem biex inkabbru n-niċċa turistika tal-iScreen Tourism f'pajjiżna, kif jixhdu wkoll għadd kbir ta' ritratti li jittieħdu mal-istess display minn barranin li mbagħad itellgħu fuq il-ħafna mezzi ta' komunikazzjoni u midja diġitali.
Id-display li qiegħda ssir referenza għaliha ġiet tiswa €17,100.

Seduta 28
04/10/2022

**WIRT GĦALL-PATRIMONJU KULTURALI**

**2363. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta se tiġi ppubblikata l-istrateġija tal-Wirt għall-Patrimonju Kulturali peress li l-aħħar waħda li ġiet ippubblikata kien fl-2006?

19/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Kif diġà kien tħabbar fl-10 ta' Novembru 2020 il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali kien nieda proċess li għandu jwassal għat-tfassil ta' strateġija ħolistika nazzjonali dwar il-wirt nazzjonali ta' pajjiżna li tinkorpora diversi riformi meħtieġa.

Din il-viżjoni għandha l-għan li pajjiżna jikkonsolida u jwettaq ir-riformi neċessarji f'dan il-qasam, u b'hekk għandu jwassal għal aktar protezzjoni u valorizzazzjoni għall-wirt nazzjonali ta' pajjiżna.

Is-sur Joseph Magro Conti kien ġie appuntat f'dan l-irwol strateġiku importanti biex jixpruna t-tfassil ta' din l-istrateġija u r-riformi sussegwenti b'kordinament u b'konsultazzjoni sħiħa mal-imsieħba kollha fis-settur.

Dan ix-xogħol mistenni jitlesta matul din il-leġiżlatura.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - ENCROACHMENT AGREEMENT MAL-MALTA INDUSTRIAL PARKS (INDIS MALTA)**

**2389. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li kellhom encroachment agreement mal-Malta Industrial Parks li saret INDIS Malta u li kienu qegħdin iħallsu pagamenti kull xahar però wara ċertu żmien dan l-encroachment agreement temmewh mingħajr qatt ma ntużaw il-binjiet li għalihom kienet qed titħallas il-kera, mill-2018 'il quddiem u jekk ittieħditx azzjoni fejn sar infiq bla bżonn u ħela?

19/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - ENCROACHMENT AGREEMENT MAL-MALTA INDUSTRIAL PARKS (INDIS MALTA)**

**2390. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li kellhom encroachment agreement mal-Malta Industrial Parks li saret INDIS Malta u li kienu qegħdin iħallsu pagamenti kull xahar però wara ċertu żmien dan l-encroachment agreement temmewh mingħajr qatt ma ntużaw il-binjiet li għalihom kienet qed titħallas il-kera, mill-2018 'il quddiem u jekk ittieħditx azzjoni fejn sar infiq bla bżonn u ħela?

19/09/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - ENCROACHMENT AGREEMENT MAL-MALTA INDUSTRIAL PARKS (INDIS MALTA)**

**2391. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha li kellhom encroachment agreement mal-Malta Industrial Parks li saret INDIS Malta u li kienu qegħdin iħallsu pagamenti kull xahar però wara ċertu żmien dan l-encroachment agreement temmewh mingħajr qatt ma ntużaw il-binjiet li għalihom kienet qed titħallas il-kera, mill-2018 'il quddiem u jekk ittiħditx azzjoni fejn sar infiq bla bżonn u ħela?

19/09/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - ENCROACHMENT AGREEMENT MAL-MALTA INDUSTRIAL PARKS (INDIS MALTA)**

**2392. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li kellhom encroachment agreement mal-Malta Industrial Parks li saret INDIS Malta u li kienu qegħdin iħallsu pagamenti kull xahar però wara ċertu żmien dan l-encroachment agreement temmewh mingħajr qatt ma ntużaw il-binjiet li għalihom kienet qed titħallas il-kera, mill-2018 'il quddiem u jekk ittiħditx azzjoni fejn sar infiq bla bżonn u ħela?

19/09/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mir-rekords ta' INDIS juru li ma kien hemm l-ebda entità li jaqgħu taħt id-dekasteru ta' dan il-Ministeru li daħlet fi ftehim ta' encroachment mal-MIP/INDIS minn Jannar 2018 sal-lum.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - ENCROACHMENT AGREEMENT MAL-MALTA INDUSTRIAL PARKS (INDIS MALTA)**

**2393. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li kellhom encroachment agreement mal-Malta Industrial Parks li saret INDIS Malta u li kienu qegħdin iħallsu pagamenti kull xahar però wara ċertu żmien dan l-encroachment agreement temmewh mingħajr qatt ma ntużaw il-binjiet li għalihom kienet qed titħallas il-kera, mill-2018 'il quddiem u jekk ittiħditx azzjoni fejn sar infiq bla bżonn u ħela?

19/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - ENCROACHMENT AGREEMENT MAL-MALTA INDUSTRIAL PARKS (INDIS MALTA)**

**2394. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li kellhom encroachment agreement mal-Malta Industrial Parks li saret INDIS Malta u li kienu qegħdin iħallsu pagamenti kull xahar però wara ċertu żmien dan l-encroachment

agreement temmewh mingħajr qatt ma ntużaw il-binjiet li għalihom kienet qed titħallas il-kera, mill-2018 'il quddiem u jekk ittiħditx azzjoni fejn sar infiq bla bżonn u ħela?

19/09/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – REGOLAMENTI U PROTOKOLLI DWAR KUNFLITTI TA' INTERESS**

**2408. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'inhuma r-regolamenti u l-protokolli li l-Ministeru japplika sabiex persuni li jaħdmu direttament fil-Ministeru jiddikjaraw kunflitti ta' interess li jista' jkollhom dwar materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-istess Ministeru?

19/09/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-Manwal, li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR – REGOLAMENTI U PROTOKOLLI GĦAL KUNFLITTI TA' INTERESS**

**2409. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'inhuma r-regolamenti u l-protokolli li l-Ministeru japplika sabiex persuni li jaħdmu direttament fil-Ministeru jiddikjaraw kunflitti ta' interess li jista' jkollhom dwar materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-istess Ministeru?

19/09/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-Manwal, li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – REGOLAMENTI U PROTOKOLLI GĦAL KUNFLITTI TA' INTERESS**

**2410. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma r-regolamenti u l-protokolli li l-Ministeru japplika sabiex persuni li jaħdmu direttament fil-Ministeru jiddikjaraw kunflitti ta' interess li jista' jkollhom dwar materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-istess Ministeru?

19/09/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-Manwal, li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – REGOLAMENTI U PROTOKOLLI GĦAL KUNFLITTI TA' INTERESS**

**2411. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhuma r-regolamenti u l-protokolli li l-Ministeru japplika sabiex persuni li jaħdmu direttament fil-Ministeru jiddikjaraw kunflitti ta' interess li jista' jkollhom dwar materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-istess Ministeru?

19/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-Manwal, li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – REGOLAMENTI U PROTOKOLLI GĦAL KUNFLITTI TA' INTERESS**

**2412. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma r-regolamenti u l-protokolli li l-Ministeru japplika sabiex persuni li jaħdmu direttament fil-Ministeru jiddikjaraw kunflitti ta' interess li jista' jkollhom dwar materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-istess Ministeru?

19/09/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-Manwal, li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – REGOLAMENTI U PROTOKOLLI GĦAL KUNFLITTI TA' INTERESS**

**2413. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma r-regolamenti u l-protokolli li l-Ministeru japplika sabiex persuni li jaħdmu direttament fil-Ministeru jiddikjaraw kunflitti ta' interess li jista' jkollhom dwar materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-istess Ministeru?

19/09/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-Manwal, li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 28
04/10/2022

**BERĠA TA' ĦAD-DINGLI – ĠRANET TAL-FTUĦ**

**2431. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kull meta tinfetaħ il-Berġa ta' Ħad-Dingli u x'servizzi jingħataw minnha?

26/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Klinika fil-Komunità ta' Ħad-Dingli tiftaħ kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Dawn huma is-Servizzi li jingħataw minnha:
Is-Servizz immexxi mit-Tabib
Is-Servizz immexxi mill-Infermiera
Is-Servizz tal-Patoloġija tal-Lingwa Mitkellma
Is-Servizz ta' Psikologu / Benessri Mentali / Ħaddiem Soċjali

Seduta 28
04/10/2022

**SPTAR ST LUKES – PIXXINA**

**2432. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kull meta jsir tindif u tibdil tal-ilma tal-pixxina li tintuża fl-isptar ta' riabilitazzjoni St Lukes Hospital, jekk hemmx xi skeda ta' kull meta għandu jsir tindif u jinżammux records ta' dan? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx xi testijiet li jsiru fuq pazjenti biex jiġi assigurat li ma jsofrux minn xi infezzjonijiet li jistgħu jiġu trasmessi minn persuna għal oħra qabel jużaw il-pixxina?

26/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kuljum isir it-tindif neċessarju ġol pixxina ta' riabilitazzjoni ta' St Lukes Hospital u ssir backwash minn tal-inqas darba kuljum. L-iskeda ta' tindif issir taħt is-superviżjoni tat-terapisti responsabbli. Il-parametri jiġu ċċekkjati tliet darbiet kuljum u t-trattamenti kimiċi jiġu mniżżla fuq log sheets u darba fil-ġimgħa jsir sample minn terzi persuni indipendenti. Il-pazjenti kollha jiġu screened għal mard infettiv.

Seduta 28
04/10/2022

**SPTAR MATER DEI – DIPARTIMENT TAL-EMERĠENZA – NUMRU TA' INFERMIERA U TOBBA**

**2433. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm huwa rikjest li jkun hemm tal-anqas infermiera u tobba f'kull shift ta' xogħol fid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei biex jaħdem b'mod normali? Jista' jgħid kemm-il shift jeżisti u kemm-il infermier u tabib huwa mniżżel fih?

26/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ara t-tweġiba fuq wara.

Seduta 28
04/10/2022

**KUMPENS GĦAL ESPROPRJAZZJONI TA' ART**

**2465. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1608, jista' l-Ministru jispjega kif kien jinħadem il-kumpens għall-esproprjazzjoni ta' art qabel l-2017?

26/09/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qabel l-2017, esproprjazzjoni ta' art kien jinħadem skont il-Kap. 88. F'każijiet li kien hemm dikjarazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern mill-President ta' Malta jew mill-Gvernatur Ġenerali, u ma kienx hemm avviż ta' ftehim, l-istima kienet issir abbażi tal-01/01/2005, filwaqt li f'każijiet fejn kien hemm avviz ta' ftehim, il-ħlas isir skont kif kien indikat fl-avviż ta' ftehim.

Seduta 28
04/10/2022

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – PERSUNI LI QED JISKONTAW PIENA TA' ĦABS**

**2506. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu n-numru ta' persuni li fid-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija qed jiskontaw piena ta' ħabs ġewwa l-Facilità Korrettiva ta' Kordin? Kemm minn dawn huma Maltin u kemm minnhom huma barranin? Jista' jagħti lista tan-nazzjonalitajiet ta' dawk il-barranin li qed jiskontaw piena ta' ħabs?

27/09/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi n-numru ta' persuni li qed jiskontaw sentenza ġewwa l-Faċilità Korrettiva huwa ta' 339 li minnhom, 219 huma Maltin filwaqt li 120 l-oħra huma ta' nazzjonalità barranija.
Din hija l-lista tan-nazzjonalitajiet li qed jiskontaw piena ta' ħabs:
Malta, Bangladesh, Belġju, Brażil, Burkina Faso, Chad, Eġittu, Eritrea, Etiopja, Gambja, Georgia, Ghana, Guinea, Olanda, Ungerija, Irlanda, Iran, Italja, Libja, Latvja, Mali, Marokk, Niger, Niġerja, Pakistan, Palestina, Panama, Perù, Polonja, Rumanija, Somalja, Spanja, Serbja, Sudan ta' isfel, Sirja, Togo, Tuneżija, Renju Unit, Stati Uniti, Veneżwela u Zimbabwe.

Seduta 28
04/10/2022

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – PERSUNI LI QEGĦDIN FUQ ARREST PREVENTIV**

**2507. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu n-numru ta' persuni li fid-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija qegħdin fuq arrest preventiv fi ħdan il-Facilità Korretiva ta' Kordin? Kemm minn dawn huma Maltin u kemm minnhom huma barranin? Jista' jagħti lista tan-nazzjonalitajiet ta' dawk il-barranin li qegħdin fuq arrest preventiv?

27/09/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi n-numru ta' persuni li qegħdin fuq arrest preventiv huwa ta' 221 persuna, 79 ta' nazzjonalità Maltija u 142 ta' nazzjonalità barranija.
In-nazzjonalitajiet ta' dawk barranin li qegħdin fuq arrest preventiv huwa:
Malta, Afganistan, Albanija, Arġentina, Ażerbajġan, Bangladesh, Brażil, Bulgarija, Chad, Kolumbja, Kroazja, Repubblika Ċeka, Danimarka, Eġittu, Eritrea, Etjopja, Franza, Gorġja, Ghana, Greċja, Olanda, Ungerija, Indja, Italja, Kosta tal-Ivorju, Libja, Litwanja, Mali, Maċedonja, Moldova, Montenegro, Niger, Niġerja, Pakistan, Palestina, Filippini, Polonja, Repubblika Domenikana, Rumanija, Senegal, Somalja, Spanja, Serbja, Sri Lanka, Sudan, Suriname, Seychelles, Sirja, Ukrajna, Venezeula u Vietnam.

Seduta 28
04/10/2022

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – PERSUNI JAĦDMU**

**2508. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu fi ħdan il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, inkluż nies pajżana, u jagħti dettalji dwar il-varji karigi ta' dawn il-persuni li jaħdmu fi ħdan il-Faċilità?

27/09/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-ammont ta' nies jaħdmu mal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi jlaħħaq l-457 persuna li jinkludu 13-il impjegat tal-FSWS assenjati mal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi.

Il-kariga huma maqsuma hekk: Amministrativi, Finanzjarji, Project Management, Edukazzjoni u reintegrazzjoni, qasam mediku (li jinkludi psikjatrija u psikoloġija), social workers, uffiċjali korrettivi, ħaddiema legali, ħaddiema fil-qasam tal-parole, komunikazzjoni u HR.

Seduta 28
04/10/2022

**PERSUNI LI JIEĦDU XI FORMA TA' PENSJONI TAĦT IS-€700 FIX-XAHAR**

**2517. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 693 u 1600 u jgħid kemm persuni kienu qed jirċievu xi forma ta' pensjoni taħt is-somma ta' €700 fix-xahar sal-aħħar tas-sena 2021? Jista' jindika dan kategorija b'kategorija u wkoll kemm minnhom huma rġiel u kemm minnhom huma nisa?

28/09/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onot. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 28
04/10/2022

**PERSUNI LI JIEĦDU XI FORMA TA' PENSJONI TAĦT IL-€500 FIX-XAHAR**

**2518. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 692 u 1599 u jgħid kemm persuni kienu qed jirċievu xi forma ta' pensjoni taħt is-somma ta' €500 fix-xahar sal-aħħar tas-sena 2021? Jista' jindika dan kategorija b'kategorija, u wkoll kemm minnhom huma rġiel u kemm minnhom huma nisa?

28/09/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onot. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 28
04/10/2022

**ALLOWANCE GĦAL CARER JEW ALLOWANCE MIŻJUDA GĦAL CARER SKONT L-ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI**

**2519. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx każijiet ta' persuni li jingħataw allowance għal Carer jew allowance miżjuda għal Carer skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u li jkunu qed jieħdu ħsieb waħedhom, fuq bażi full-time u regolarment, tal-ġenituri tagħhom, ħuthom, nanniet, zijiet, kunjati (skont kif indikat fl-istess Att) iżda li ma jkunux qegħdin jgħixu fl-istess dar ta' abitazzjoni ta' dik il-persuna li għandha bżonn il-kura? Jista' jgħid jekk għandux intenzjoni li tinbidel il-liġi biex ikun hemm carers li eċċezzjonalment u minħabba raġuni valida xorta jkunu eleġibbli anke jekk ma jkunux qed jirrisjedu fl-istess dar ta' abitazzjoni ta' dik il-persuna li għandha bżonn il-kura?

28/09/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, l-Allowance għal Carers u l-Allowance Miżjuda għall-Carers tingħata jekk il-carer tkun qiegħda tirrisjedi mal-persuna li tkun għaddiet mill-iskrutinju tal-Bord Multi Dixxiplinarju, fl-istess abitazzjoni u skont il-parametri tal-Artikolu 68 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318).

Minħabba li dawn iż-żewġ benefiċċji jitħallsu skond il-livell tad-dipendenza tal-persuna kkurata, u tali livell ikun jirrikjedi il-kura kontinwa u kostanti tal-carer, minn natura tal-iskop tagħhom dawn il-benefiċċji ikun jirrikjedu li l-carer tgħix mal-persuna ikkurata biex tindokraha u tieħsu hsiebha f'kull ħin.

Fir-rigward ta' ħsibijiet futuri, tajjeb illi nfakkar illi r-riforma fl-Allowances għal Carers ġiet introdotta fis-sena 2017 u kompliet tissaħħaħ fis-snin sussegwenti. Din ir-riforma ġabet magħha żieda fin-numru ta' benefiċċjarji u għalhekk aktar anzjani baqgħu jgħixu fil-komunità. Mhux eskluż aktar titjib fis-snin li ġejjin.

Seduta 28
04/10/2022

**MEDIĊINA GOLEXIN IMPLANT 3.6MG**

**2520. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-Golexin Implant 3.6 mg għadhiex out of stock? Jista' jgħid kemm ilha out of stock u jekk kienx hawn pazjenti li kellhom jingħataw mediċina alternattiva fin-nuqqas tagħha?

28/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-prodott bħalissa huwa disponibbli fil-POYC.

Seduta 28
04/10/2022

**PERSUNI LI ĠEW ŻGUMBRATI MINN BLOKKA**

**2521. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk dawk il-persuni li ġew żgumbrati fit-30 ta' Awwissu 2022 mill-blokka li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament ingħatawx għajnuna mill-Awtorità tad-Djar? Jista' jikkonferma jekk hemmx persuni li ġew żgumbrati li sal-lum għad ma għandhomx post fejn jgħixu u għadhom qed jgħixu barra?

28/09/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninsab infurmat li l-persuni li ġew żgumbrati fit-30 ta' Awwissu mill-blokka li għaliha qed issir referenza ma talbu l-ebda tip ta' għajnuna mill-Awtorità tad-Djar. L-Awtorità ma għandha l-ebda informazzjoni li l-persuni li ġew żgumbrati qed jgħixu fit-triq.

Seduta 28
04/10/2022

**APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI GĦALL-ISTALLAZZJONI TA' STARLIFT**

**2522. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx applikazzjonijiet approvati għall-istallazzjoni ta' stairlift fid-djar ta' persuni intitolati li sal-lum għadhom pendenti? Jekk iva, jista' jgħid kemm hu n-numru ta' dawn l-applikazzjonijiet approvati u għaliex sa issa għadhom ma ġewx ipproċessati?

28/09/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi l-informazzjoni mitluba hija kif skont is-segwenti tabella:-

| **Raġuni għaliex pendenti** | **Applikazzjonijiet** |
|---|---|
| Pendenti għall-iffirmar tal-kuntratt tal-għotja | 11 |
| Pendenti għal spezzjoni sabiex jiġi stabbilit l-ammont tal-għotja | 13 |

Seduta 28
04/10/2022

**INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU FIS-SNIN 2020 U 2021**

**2532. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm inċidenti tat-traffiku fis-snin 2020 u 2021 fejn f'dawn l-inċidenti tat-traffiku kien hemm min sofra xi ġrieħi? Kemm minn dawn l-inċidenti kienu fatali?

29/09/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' inċidenti tat-traffiku li ġew irreġistrati mal-Pulizija, li kienu jinvolvu ġrieħi jew kienu fatali fis-snin 2020 u 2021, huwa kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt.

| Tip ta' Inċident | 2020 | 2021 |
|---|---|---|
| Fatali | 12 | 9 |
| Bil-feruti | 232 | 314 |
| **Grand Total** | **244** | **323** |

Seduta 28
04/10/2022

**INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU FL-2022**

**2533. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm inċidenti tat-traffiku mill-1 ta' Jannar 2022 sal-aħħar ta' Awwissu 2022 fejn f'dawn l-inċidenti tat-traffiku kien hemm min sofra xi ġrieħi? Kemm minn dawn l-inċidenti kienu fatali?

29/09/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' inċidenti tat-traffiku li ġew irreġistrati mal-Pulizija, li kienu jinvolvu ġrieħi jew kienu fatali, mill-1 ta' Jannar 2022 sal-aħħar ta' Awwissu 2022, kif jidher fit-tabella hawn taħt. F'żewġ każijiet, mill-inkjesta għad irid ikun determinat jekk il-kawża tal-mewt kinitx riżultat tal-inċident.

| Tip ta' Inċident | 2022<br>sa' Awwissu |
|---|---|
| Fatali | 16 |
| Bil-ġrieħi | 235 |
| Inkjesta pendenti biex jiġi determinat il- kawża tal-mewt wara l-inċident. | 2 |
| **Grand Total** | **253** |

Seduta 28
04/10/2022

**INĊIDENTI FUQ POSTIJIET TAX-XOGĦOL**

**2534. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm inċidenti fuq il-postijiet tax-xogħol fis-snin 2020 u 2021 fejn kien hemm persuni li weġġgħu u sofrew xi ġrieħi? Kemm minn dawn l-inċidenti kienu fatali?

29/09/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi dettalji fuq din il-materja jkun aħjar li jintalbu u jinġabru mill-Ministeru kkonċernat mill-Awtorità responsabbli biex jinvestiga inċidenti li jsiru fuq postijiet tax-xogħol (OHSA), f'każijiet fejn persuni jweġġgħu u jsofru ġrieħi ta' kull tip, inkluż dawk fatali.

Seduta 28
04/10/2022

**AĠENZIJA SEDQA – SERVIZZ TA' RIABILITAZZJONI MID-DROGA**

**2558. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jikkonferma li fil-ħin li qed issir din il-mistoqsija fid-29 ta' Settembru 2022, hemm waiting list għas-servizz tar-riabilitazzjoni mid-droga offrut mill-Aġenzija Sedqa?

30/09/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nibda billi ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li l-punt tal-ewwel kuntatt mas-servizzi ta' kura tal-Aġenzija Sedqa fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali (FSWS) huwa s-servizz tal-*Addictions Community Team (ACT)*.

Dan huwa l-punt tat-tluq għal kull klijent li jrid eventwalment jirċievi servizz ta' rijabilitazzjoni residenzjali.
Is-servizz tal-ACT jara persuni li jersqu għall-għajnuna fil-komunita' immedjatament kif jagħmlu kuntatt mal-Aġenzija Sedqa. Persuni li jkollhom bżonn rijabilitazzjoni medika, jiġu referuti għall-*Multi-disciplinary Team (MDT)*, fejn ikollhom laqgħa ta' assessjar fil-preżenza ta' *social worker*, tabib u psikologu, li jħejju pjan ta' kura għall-klijent.

Sad-29 ta' Settembru 2022, l-istennija għal dan il-proċess kienet ta' tliet ġimgħat.
Minn dan il-punt, il-klijent jibda' jkun segwit mill-professjonisti nvoluti fil-pjan ta' kura tiegħu, u jkun jista' jaċċedi għas-servizzi l-oħra li toffri l-Aġenzija Sedqa, fosthom dawk ta' ditossifikazzjoni jew rijabilitazzjoni residenzjali, fejn għal tali servizzi ma hemmx lista ta' stennija.

Seduta 28
04/10/2022

**FSWS – LISTA TA' UFFIĊJALI KOLLHA**

**2559. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista sħiħa tal-uffiċjali kollha minn manager 'il fuq (sas-CEO) tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) u l-Aġenziji li jaqgħu taħt l-FSWS, bid-dettalji tar-responsabiltajiet tagħhom u l-pakkett sħiħ ta' kull uffiċjal?

30/09/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – EKS ĦADDIEMA TAL-AIR MALTA**

**2560. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li kienu jaħdmu mal-Air Malta u li ġew trasferiti f'entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għat-Trasport? Fejn ġew impjegati, x'inhi l-kariga li ngħataw, x'inhi l-skala u kemm hu s-salarju tagħhom u kemm fadlilhom snin servizz sakemm jiġu għall-età tal-irtirar?

30/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari Nru 2383.

Seduta 28
04/10/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – ENTITAJIET LI KELLHOM ENCROACHMENT AGREEMENT MA' MALTA INDUSTRIAL PARKS**

**2561. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li kellhom encroachment agreement mal-Malta Industrial Parks, li saret INDIS Malta, u li kienu qegħdin iħallsu pagamenti kull xahar, però wara ċertu żmien dan l-encroachment agreement temmewh mingħajr qatt ma ntużaw il-binjiet li għalihom kienet qiegħda titħallas il-kera, mill-2018 'il quddiem? Jista' jgħid ukoll jekk itteħditx azzjoni, fejn sar infiq bla bżonn u ħela?

30/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-Mistoqsija Parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 28
04/10/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – PERSUNI LI JMEXXU L-ENTITAJIET FIL-VESTI TA' CEOS JEW KAPIJIET**

**2562. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kemm hemm persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar u jekk itteħdux passi biex ikun hemm succession plan biex meta dawn jirtiraw, l-entità tibqa' għaddejja taħdem mingħajr ebda skossi?

30/09/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 28
04/10/2022

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA – PERSUNI LI JMEXXU L-ENTITAJIET FIL-VESTI TA' CEOS JEW KAPIJIET**

**2563. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kemm hemm persuni li qegħdin imexxu l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar u jekk itteħdux passi biex ikun hemm succession plan biex meta dawn jirtiraw, l-entità tibqa' għaddejja taħdem mingħajr ebda skossi?

30/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemmx persuni li jaqgħu taħt il-Ministeru għas-Saħħa li huma fil-vesti ta' CEOs jew Heads illi waslu għall-età tal-irtirar.

Seduta 28
04/10/2022